

Il-Ġurnal Uffiċjali C 426 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 62

18 ta' Diċembru 2019

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Qorti tal-Awdituri

2019/C 426/01

Rapport Annwali dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018 1

MT

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Rapport Annwali dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018

(2019/C 426/01)

WERREJ

	<i>Paġna</i>
Akronimi	3
KAPITOLU 1: L-IMPRIŻI KONĠUNTI TAL-UE U L-AWDITU TAL-QEA	4
INTRODUZZJONI	4
L-IMPRIŻI KONĠUNTI TAL-UE	4
Is-sħubiji pubbliċi-privati bħala għodda b'saħħitha għat-twassil tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa	4
IMPRIŻI KONĠUNTI LI JOPERAW TAĦT IL-PROGRAMMI QAFAS TA' RIĊERKA	5
JUs taħt H2020	6
Impriża konġunta waħda li topera taħt il-Euratom	7
Il-JUs jinsabu fl-Unjoni Ewropea	8
Il-JUs isegwu mudelli ta' governanza bipartitiċi jew tripartitiċi	9
L-attivitajiet ta' riċerka tal-JUs huma ffinanzjati kemm mill-UE kif ukoll mis-sħab fl-industrija u fir-riċerka	11
Il-Kummissjoni twestaq kemm evalwazzjonijiet interim kif ukoll evalwazzjonijiet finali	12
L-arranġamenti baġitarji u ta' kwittanza huma simili għall-JUs kollha	12
L-AWDITU TAGĦNA	13
Il-mandat tagħna jkopri l-awditjar tal-kontijiet annwali u tat-tranżazzjonijiet tal-JUs	13
L-awditjar tagħna jiġbed l-attenzjoni għar-riskji ewlenin identifikati u jindirizzahom	13
KAPITOLU 2: ĦARSA ĠENERALI LEJN IR-RIŻULTATI TAL-AWDITJAR	15
INTRODUZZJONI	15
IR-RIŻULTATI TAL-AWDITI ANNWALI TAGĦNA RELATATI MAL-IMPRIŻI KONĠUNTI GĦAS-SENA FINANZJARJA 2018 HUMA KUMPLESSIVAMENT POŻITTIVI	15
Opinjoniċijiet "favorevoli" dwar l-affidabbiltà għall-JUs kollha	15
Opinjoniċijiet "favorevoli" dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-JUs kollha	16

Opinjonnijiet “favorevoli” dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-JUs kollha	16
L-osservazzjonijiet tagħna jindirizzaw oqsma fejn jista’ jsir titjib	16
Il-JUs qed iwettqu segwitu għas-sejbiet tal-awditjar mis-snin preċedenti	22
RIŻULTATI TAL-AWDITJAR MINN DOKUMENTI REĊENTI OĦRA TAL-QEA LI JIFFUKAW FUQ IL-JUS	23
KAPITOLU 3: DIKJARAZZJONIJET TA’ ASSIGURAZZJONI TAL-IMPRIŻI KONGŪNTI TAL-UE	24
3.1. Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjonijiet ta’ assigurarazzjoni	24
IMPRIŻI KONGŪNTI LI JIMPLIMENTAW PROGRAMMI QAFAS TAL-UE	26
3.2. L-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR)	26
3.3. L-Impriża Konġunta “Clean Sky” (Clean Sky)	32
3.4. L-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI)	37
3.5. L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH)	42
3.6. L-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL)	47
3.7. L-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b’bażi Bijoloġika (BBI)	52
3.8. L-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R)	57
IMPRIŻA KONGŪNTA LI TOPERA TAĦT IL-EURATOM	62
3.9. L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E)	62

Akronimi

Din il-lista ta' akronimi tinkludi l-Impriżi Konġunti tal-UE u l-korpi l-oħra tal-UE li huma koperti minn dan ir-rapport.

Akronimu	Isem sħiħ
AE	Aġenzija Eżekuttiva
ARTEMIS	L-Impriża Konġunta ARTEMIS għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Teknoloġika Konġunta f'Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter
BBI	L-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika
CAS	Servizz tal-Awditjar Komuni tad-DĠ RTD tal-Kummissjoni
CFS	Ċertifikat dwar Rapportji Finanzjarji
CS	L-Impriża Konġunta "Clean Sky"
DĠ RTD	Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
EASA	L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea
ECSEL	L-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi
EIT	L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija
ENIAC	Il-Kunsill Konsultattiv Ewropew dwar l-Inizjattiva fin-Nanoelettronika
EUAN	Netwerk tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea
EURATOM	Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
EUROHPC	L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew
EVM	Ġestjoni tal-valur gwadanjat
F4E	L-Impriża Konġunta Fużjoni għall-Enerġija
FCH	L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu
FNE	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
FP7	Is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp teknoloġiku (2007-2013)
H2020	Orizzont 2020 — Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)
IFAC	Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti
IMI	L-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi
INTOSAI	Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar
ISAs	L-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar tal-IFAC
ISSAIs	L-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI
ITER	Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali
JUs	Impriżi Konġunti
NFA	Awtorità nazzjonali ta' finanzjament
P2P	Sħubija Pubblika-Pubblika
PMO	Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali
QFP	Qafas finanzjarju pluriennali
S2R	L-Impriża Konġunta Shift 2Rail (Inizjattiva Ferrovjarja Ewropea)
SESAR	L-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew
SNE	Espert Nazzjonali Sekondat
TEN-T	Programm tan-Netwerk trans-Ewropew tat-Trasport

KAPITOLU 1

L-IMPRIŻI KONĠUNTI TAL-UE U L-AWDITU TAL-QEA

INTRODUZZJONI

1.1. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ġiet stabbilita permezz tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala l-awditur estern tal-finanzi tal-UE. F'din il-kapaċità, aħna nagħxu bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni, notevolment billi nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE. Aktar informazzjoni dwar ix-xogħol li nnettqu tista' tinstab fir-rapporti tal-attività, fir-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, fir-rapporti speċjali, u fl-analiżijiet panoramiċi tagħna, kif ukoll fl-opinjonijiet tagħna dwar liġijiet ġodda jew liġijiet aġġornati tal-UE jew deċiżjonijiet oħra b'implikazzjonijiet għall-ġestjoni finanzjarja.

1.2. Fil-limiti ta' dan il-mandat, aħna neżaminaw ta' kull sena l-kontijiet u t-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-Impriżi konġunti tal-UE għar-riċerka.

1.3. Dan ir-rapport jippreżenta r-riżultati tal-awditu li wettaqna tal-Impriżi Konġunti tal-UE għar-riċerka (kollettivament imsejħa "Impriżi Konġunti" jew "JUs") għas-sena finanzjarja 2018. Ir-rapport huwa strutturat kif ġej:


- Il-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-JUs u n-natura tal-awditu tagħna,
- Il-Kapitolu 2 jippreżenta r-riżultati kumplessivi tal-awditu,
- Il-Kapitolu 3 fih dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għal kull waħda mit-tmien JUs, flimkien mal-opinjonijiet u l-osservazzjonijiet tagħna dwar, l-ewwel nett, l-affidabbiltà tal-kontijiet tagħhom u, it-tieni nett, dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

L-IMPRIŻI KONĠUNTI TAL-UE

Is-sħubiji pubbliċi-privati bħala għodda b'saħħitha għat-twassil tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa

1.4. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-UE kien li jitħeġġu livelli akbar ta' investiment fir-riċerka, sabiex jiġi pprovdut stimolu għall-kompetittività tal-UE. Waħda mill-ħames miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020, li ġiet adottata fl-2010, hija li 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-UE jiġu ddedikati għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) (ara l-Figura 1.1).

Figura 1.1

Nefqa domestika grossa fuq ir-R&Ż, EU-28, 2000-2017


Sors: Il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta mill-Eurostat, Ġunju 2019.

1.5. Għalkemm il-progress lejn il-mira ta' 3 % mexxa bil-mod, il-Kummissjoni Ewropea reġgħet għamlet enfasi fuq il-konverżjoni tal-għarfien xjentifiku Ewropew fi prodotti u servizzi kummerċjabbli. Element ewlieni kien li tingħaqad flimkien mas-settur privat u mal-Istati Membri biex jinkisbu riżultati li pajjiż wieħed jew kumpanija waħda għandhom inqas probabbiltà li jiksbu waħedhom.

1.6. F'Ġunju 2005, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport “Fostering Public-Private R&D Partnerships to Boost Europe's Industrial Competitiveness” (Promozzjoni ta' Sħubiji Pubbliċi-Privati R&Ż biex tingħata spinta lill-Kompetittività Industrijali tal-Ewropa), li jappella għall-ħolqien ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs) bħala programmi ddedikati biex jiġu implimentati Aġendi Strateġiċi ta' Riċerka speċifiċi għall-industrija taħt il-forma ġuridika ta' JUs (ara l-Figura 1.2).

Figura 1.2

Mill-Aġendi Strateġiċi tal-UE għall-Impriżi Konġunti



Sors: Il-QEA.

IMPRIŻI KONĠUNTI LI JOPERAW TAĦT IL-PROGRAMMI QAFAS TA' RIĊERKA

1.7. Il-JUs huma sħubiji bejn il-Kummissjoni u l-industrija, u f'xi wħud mill-każijiet anki s-settur tar-riċerka, li għandhom l-għan li jqarrbu r-riżultati tal-proġetti f'oqsma strateġiċi tar-riċerka u l-innovazzjoni lejn is-suq u li jtejbu r-rabta bejn ir-riċerka u t-tkabbir tas-soċjetà. Dawn huma stabbiliti skont l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew (fil-każ tal-Fużjoni għall-Enerġija) l-Artikoli 45 sa 51 tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

1.8. Il-JUs huma forma ta' sħubija pubblika-privata u għandhom personalità ġuridika. Il-membri pubbliki tagħhom hija tipikament l-Unjoni Ewropea (irrappreżentata mill-Kummissjoni), u l-membri privati huma mis-settur tal-industrija u f'xi wħud mill-każijiet anki minn dak tar-riċerka. Hemm ukoll sħab oħra (Stati parteċipanti, organizzazzjonijiet internazzjonali). Huma jadottaw l-aġenda proprja tagħhom għar-riċerka u jaġhtu l-finanzjament, prinċipalment permezz ta' sejħiet miftuħa għal proposti. Eċċezzjoni għal dan hija l-Impriża Konġunta F4E, li hija responsabbli għall-provvediment tal-kontribuzzjoni tal-Ewropa lill-ITER, l-akbar sħubija xjentifika fid-dinja, li għandha l-għan li tiddimostra li l-fużjoni hija sors vijabbli u sostenibbli ta' enerġija.


1.9. Il-JUs għandhom viżibbiltà għolja u għandhom influwenza sinifikanti f'oqsma importanti tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej, bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-bijoekonomija u l-ekonomija diġitali. F'dan ir-rapport, aħna nirreferu għal JUs speċifiċi bl-akronimu tagħhom. Lista ta' dawn l-akronimi tingħata fil-bidu ta' dan ir-rapport.

1.10. Taħt il-programm FP7, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta regolamenti li jstabbilixxu l-ewwel sitt JUs: l-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), l-Impriża Konġunta "Clean Sky" (CS), l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI), l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH), l-Impriża Konġunta għan-Nanoelettronika (ENIAC) u l-Impriża Konġunta għas-Sistemi Inkorporati (ARTEMIS).

1.11. Il-JUs kollha stabbiliti taħt l-FP7 ġew estiżi fl-2014 taħt il-programm H2020 għal perjodu addizzjonali ta' 10 snin (jiġifieri sal-2024). Il-kontribuzzjoni finanzjarja kumplessiva mill-UE għall-JUs irdoppjat. Barra minn hekk, inħolqu żewġ JUs ġodda — l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (BBI) u l-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) — filwaqt li ARTEMIS u ENIAC ingħaqdu flimkien biex jiffurmaw l-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniki għal Tmexxija Ewropea (ECSEL) (ara l-Figura 1.3).

Figura 1.3

Evoluzzjoni tal-Impriżi Konġunti Ewropej



Sors: Il-KE, ibbażat fuq ir-regolamenti tal-Kunsill li jstabbilixxu l-JUs, modifikat mill-QEA.

JUs taħt H2020

1.12. Dawn il-JUs jimplementaw partijiet speċifiċi ta' H2020 fl-oqsma tat-trasport (CleanSky2, Shift2Rail u SESAR), tat-trasport/tal-enerġija (FCH2), tas-saħħa (IMI2), tal-industriji b'bażi bijoloġika (BBI) u tal-komponenti u s-sistemi elettroniki (ECSEL). L-oġġetti prinċipali ta' kull impriża konġunta huma ppreżentati flimkien mad-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni tagħhom fil-Kapitolu 3.

1.13. L-Impriża Konġunta "Clean Sky" tiżviluppa ġenerazzjonijiet ġodda ta' inġenji tal-ajru aktar ekoloġiċi. Il-kisbiet prinċipali tagħha sa issa jinkludu d-dimostratur ta' Skrun Miftuħ, ġwienaħ laminari, pali ta' skrun innovattivi, u magna b'kompresjoni għolja għal ħelikopters ħfief, sensuri innovattivi ta' detezzjoni tas-silġ u sistemi avjoniċi avvanzati.

1.14. L-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI) qed tħaffef l-iżvilupp ta' mediċini innovattivi, b'mod partikolari Poqsma fejn hemm hteġa medika jew soċjali mhux issodisfata. Il-kisbiet prinċipali tagħha sa issa jinkludu netwerk pan-Ewropew ta' mijiet ta' sptarjiet u laboratorji biex jadvanzaw l-iżvilupp tal-antibijotiċi, it-testijiet għat-titjib tas-sigurtà tal-mediċini, approċċ ġdid għall-provi kliniċi għat-trattamenti tad-dimenzja, kif ukoll biex jipprovdur fehim akbar tal-kawżi sottostanti tal-mard bħal dijabete, artrite rewmatojde u ażma severa.

1.15. L-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R) tftitex l-innovazzjoni fit-trasport ferrovarjarju b'appoġġ għall-kisba taż-Żona Ferrovarja Unika Ewropea. L-objettivi prinċipali tagħha jinkludu t-tnaqqis bin-nofs tal-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja tat-trasport ferrovarjarju, l-irduppar tal-kapaċità ferrovarja u ż-żieda fl-affidabbiltà u fil-puntwalità sa massimu ta' 50 %.

1.16. L-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) qed tiżviluppa l-ġenerazzjoni li jmiss ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Il-kisbiet prinċipali tagħha sa issa jinkludu l-ewwel titjira fid-dinja f'erba' dimensjonijiet (3D + ħin), servizzi ta' torrijiet remoti, rotot liberi biex jitnaqqsu kemm l-emissjonijiet minn titjiriet kif ukoll dawk mill-fjuwil, u interskambju bla xkiel ta' informazzjoni bejn il-fornituri u l-utenti kollha ta' informazzjoni ATM.

1.17. L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH) tiżviluppa soluzzjonijiet nodfa għat-trasport, l-enerġija u l-ħżin. Il-kisbiet prinċipali tagħha sa issa jinkludu l-użu ta' xarabanks li jaħdmu permezz taċ-ċelluli tal-fjuwil għal trasport pubbliku nadif; l-istabbiliment ta' katina tal-valur tal-UE għall-batteriji taċ-ċelluli tal-fjuwil bi prestazzjoni aħjar u spejjeż imnaqqs; l-iżvilupp tal-teknoloġija tal-elettroliżi għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku; l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' unitajiet mikro ta' tisħin u enerġija kkombinati (mCHP) għall-provvista ta' tisħin u elettriku residenzjali; kif ukoll prestazzjoni u durabbiltà aħjar tal-materjali u tnaqqis fl-ispejjeż għal komponenti u sistemi. Hija niedet ukoll "Inizjattiva għar-regġuni" li tgħaqqad aktar minn 90 regġun u belt u 55 sieħeb fl-industrija u li tippromwovi sinerġiji u sforzi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fl-Ewropa.

1.18. L-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (BBI) qed timplimenta programm ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa li jivvaluta d-disponibbiltà ta' riżorsi bijoloġiċi rinnovabbli li jistgħu jintużaw għall-produzzjoni ta' materjali b'bażi bijoloġika, u abbażi ta' hekk tappoġġa l-istabbiliment ta' katini ta' valur b'bażi bijoloġika sostenibbli. Il-kisbiet prinċipali tagħha sa issa jinkludu l-produzzjoni ta' firxa ta' prodotti b'bażi bijoloġika innovattivi bil-ħsieb ta' komunità ġdida b'bażi bijoloġika.

1.19. L-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL) tiffinanzja proġetti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni relatati mal-kapaċitajiet ta' tfassil u ta' manifattura fis-settur tal-elettronika. Il-kisbiet prinċipali tagħha sa issa jinkludu l-proġett CESAR (Metodi u proċessi kosteffiċjenti għal sistemi integrati rilevanti għas-sikurezza), li kellu impatt sinifikanti fuq l-industrija Ewropea tas-sistemi integrati, u l-proġett E3Car, li għeleb l-isfidi prinċipali li l-vetturi elettriċi li jużaw komponenti semikondutturi avvanzati kienu jiffaċċjaw.

1.20. L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC) hija l-aktar waħda reċenti, billi għet stabbiltà mill-Kunsill f'Novembru 2018. Hija tikkostitwixxi inizjattiva konġunta bejn l-UE u pajjiżi oħra Ewropej biex tiġi żviluppata ekosistema ta' klassi dinjija għas-supercomputing fl-Ewropa. L-EuroHPC se tibqa' operazzjonali sa tmien l-2026. Aħna se nawditjaw il-kontijiet ta' din l-Impriża Konġunta għall-ewwel darba fl-2020.


Impriża konġunta waħda li topera taħt il-Euratom

1.21. Il-proġett ITER (oriġinarjament ir-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali) tnedia uffiċjalment fl-1988, u l-attivitajiet kunċettwali u tad-disinn tiegħu ilhom joperaw għal bosta snin. Fil-21 ta' Novembru 2006, il-parteċipanti tal-proġett qablu formalment li jibnu u joperaw faċilità sperimentali li tiddimostrija l-vijabbiltà xjentifika tal-fużjoni bħala sors futur ta' enerġija sostenibbli. Il-Ftehim ITER daħal fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru 2007, id-data meta l-Organizzazzjoni ITER għet legalment stabbiltà. Is-sede tagħha tinsab f'Saint-Paul-lès-Durance (Franza), filwaqt li l-faċilitajiet prinċipali ta' fużjoni se jinbnew f'Cadarache (Franza).

1.22. Il-proġett jinvolvi seba' sħab globali: l-UE li hija rrappreżentata mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), l-Istati Uniti, ir-Russja, il-Ġappun, iċ-Ċina, il-Korea t'Isfel u l-Indja. L-Ewropa ħadet rwol ta' tmexxija b'sehem ta' 45 % tal-ispejjeż tal-kostruzzjoni, li 80 % minnhom huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE u 20 % huma ffinanzjati minn Franza bħala l-pajjiż ospitanti tal-ITER. Is-sehem tal-membri l-oħra tal-ITER huwa ta' madwar 9 % kull wieħed. Din id-distribuzzjoni tal-ispejjeż se tinbidel fil-fażi operazzjonali, fejn l-Ewropa se tipprovdi 34 % tal-ispejjeż (ara l-Figura 1.4).

Figura 1.4

Kontribuzzjoni tal-membri tal-ITER



Sors: F4E.

1.23. Il-kostruzzjoni tal-ITER tinvolvi l-kostruzzjoni ta' aktar minn 10 miljun komponent f'fabbriki madwar id-dinja. Madwar 75 % tal-investiment tagħha jintnefaq fuq il-ħolqien ta' għarfien ġdid u ta' materjali u teknoloġiji mill-aktar avvanzati. Dan joffri opportunità siewja lill-industriji u l-SMEs tat-teknoloġija avvanzata biex jinnovaw u jiżviluppaw prodotti "spin-off" biex jiġu sfruttati lil hinn mill-fużjoni (bħas-settur usa' tal-enerġija, l-avjazzjoni u l-istrumenti tat-teknoloġija avvanzata bħal skanners ta' reżonanza manjetika nukleari (NMR)).


1.24. L-Impriża Konġunta Fużjoni għall-Enerġija (F4E) hija inkarigata mill-kontribuzzjoni Ewropea għall-proġett. L-oġġettiivi prinċipali tagħha jinkludu l-provvediment tal-kontribuzzjoni tal-Euratom għall-ITER u l-iżgurar tal-attivitajiet ta' 'Approċċ Usa' mal-Ġappun għat-tweqqif rapidu tal-enerġija mill-fużjoni. Hija tħejji u tikkoordina wkoll programm ta' attivitajiet bi tħejjija għall-kostruzzjoni ta' reattur dimostrattiv tal-enerġija mill-fużjoni u ta' faċilitajiet relatati, inkluża l-Faċilità Internazzjonali ta' Irradjazzjoni ta' Materjali ta' Fużjoni.

Il-JUs jinsabu fl-Unjoni Ewropea

1.25. Seba' JUs (CS, S2, SESAR, FCH, IMI, BBI u ECSEL) jinsabu fi Brussell. L-EuroHPC tinsab fil-Lussemburgu.

1.26. L-F4E tinsab f'Barcellona, fi Spanja. L-ITER (ir-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali), li għalih l-Unjoni Ewropea qed tikkontribwixxi permezz tal-F4E, qed jinbena maġenb il-faċilità ta' Cadarache f'Saint-Paul-lès-Durance, fi Provence, fin-Nofsinhar ta' Franza (ara l-Figura 1.5).

Figura 1.5

Impriżi Konġunti fl-Unjoni Ewropea

Sors: Il-QEA.


Il-JUs isegwu mudelli ta' governanza bipartitiċi jew tripartitiċi

1.27. Minkejja li għandhom l-istess struttura ġuridika, l-impriżi konġunti għandhom karatteristiċi speċifiċi minħabba l-fatt li huma jittrattaw mal-innovazzjoni u r-riċerka f'diversi setturi li huma mibnija madwar swieq differenti. Il-biċċa l-kbira minnhom (SESAR, CS, IMI, FCH, BBI u S2R) isegwu mudell bipartitiku, fejn il-Kummissjoni u l-industrija (f'xi wħud mill-każijiet anki s-settur tar-riċerka) huma rrappreżentati f'bord ta' tmexxija u jikkontribwixxu għall-attivitajiet tal-impriża konġunta. L-oħrajn li jifdal (ECSEL, u EuroHPC) isegwu mudell tripartitiku, fejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-industrija jipparteċipaw fil-bord ta' tmexxija u jikkontribwixxu għall-attivitajiet tal-impriża konġunta.

1.28. Il-Figura 1.6 tippreżenta l-istruttura ta' governanza ġenerali tal-JUs.

Figura 1.6

Struttura ta' governanza ġenerali tal-JUs




Sors: Il-QEA.

1.29. Għad-durata tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), il-JUs jimmaniġġjaw madwar 10 % jew EUR 7,2 biljun tal-baġit globali ta' H2020, kif jidher fil-Figura 1.7. Il-finanzjament mill-UE, li jammonta għal EUR 7,2 biljun, madankollu, jimobilizza madwar EUR 17-il biljun għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni fl-oqsma ta' H2020 li jiġu ddelegati lill-JUs.

Figura 1.7

Sehem tal-baġit ta' H2020, skont il-korp ta' implimentazzjoni



Sors: Il-QEA, ibbbażat fuq data tal-FEI.

L-attivitajiet ta' riċerka tal-JUs huma ffinanzjati kemm mill-UE kif ukoll mis-sħab fl-industrija u fir-riċerka


1.30. Il-membri kollha jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-JUs. Minn naħa waħda, il-Kummissjoni tipprovdi finanzjament bi flus mill-FP7 u minn H2020 għall-kofinanzjament mill-UE tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal-JUs. Is-SESAR tirċievi wkoll finanzjament mill-programm tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T). Min-naħa l-oħra, is-sħab fl-industrija u fir-riċerka jipprovdu kontribuzzjonijiet *in natura* billi jimplementaw il-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal-JUs. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll is-sħab privati jipprovdu l-istess ammont ta' kontribuzzjonijiet fi flus kontanti biex jiffinanzjaw l-ispejjeż amministrattivi tal-JUs.

1.31. Għall-attivitajiet tal-JUs taħt l-FP7, l-ammont ta' kontribuzzjonijiet *in natura* li għandu jiġi pprovdut mis-sħab fl-industrija jrid ikun l-istess bħall-ammont ikkofinanzjat mill-UE għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni taħt l-FP7.

1.32. Għall-attivitajiet tal-JUs taħt H2020, ir-regolamenti fundaturi rispettivi ta' kull impriża konġunta jiddefinixxu kemm l-ammont tal-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mogħtija mill-UE kif ukoll l-ammont tal-kontribuzzjonijiet *in natura* mogħtija mill-membri privati għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni taħt H2020, kif jidher fil-Figura 1.8.

Figura 1.8

Kontribuzzjonijiet mogħtija mill-membri matul iż-żmien tal-impriża konġunta



Sors: Il-QEA.


1.33. Hemm żewġ tipi ta' kontribuzzjonijiet mill-membri tal-industrija: Għall-JUs kollha, il-membri tal-industrija jridu jikkontribwixxu ammont minimu għall-ispejjeż totali tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal-impriża konġunta. Il-kontribuzzjoni hija ddefinita bħala d-differenza bejn l-ispejjeż totali tal-proġett u l-kofinanzjament mill-UE. Fil-każ ta' erba' JUs (CS, FCH, BBI u S2R), il-membri privati jridu jipprovdu wkoll ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet *in natura* li jikkonsistu minn "attivitajiet addizzjonali" li ma jitwettqux taħt il-programmi ta' ħidma tal-JUs, iżda li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-oġettivi tagħhom.

1.34. Għall-2018, il-baġit tal-pagamenti totali tas-seba' JUs li jimplementaw attivitajiet ta' programmi ta' riċerka ammonta għal EUR 1,2 biljun (2017: EUR 1,2 biljun), u EUR 0,8 biljun għall-F4E (2017: EUR 0,85 biljun).

1.35. Fi tmiem l-2018, il-JUs li joperaw taħt H2020 impjegaw 220 membru tal-persunal (uffiċjali, aġenti temporanji u kuntrattwali) u 7 esperti nazzjonali sekondati (SNEs) (2017: 222 membru tal-persunal u 5 SNEs). L-F4E impjegat 442 membru tal-persunal (2017: 449 membru tal-persunal). L-għadd ta' postijiet għall-persunal li mtlew fl-2017 u fl-2018 fi ħdan il-JUs jidher fil-Figura 1.9.

Figura 1.9

Għadd ta' postijiet għall-persunal li fil-fatt imtlew fi ħdan il-JUs (fl-2017 u fl-2018)



Sors: Il-QEA.

Il-Kummissjoni twestaq kemm evalwazzjonijiet interim kif ukoll evalwazzjonijiet finali

1.36. Kif meħtieġ mir-regolamenti tal-Kunsill li jstabbilixxu l-JUs, fl-2017 il-Kummissjoni wettqet kemm l-evalwazzjoni finali tal-prestazzjoni tal-JUs taħt l-FP7 kif ukoll evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu tal-prestazzjoni tagħhom taħt H2020.


1.37. Ir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet juru kisbiet importanti, inkluż l-integrazzjoni tar-riċerka Ewropea, żieda fil-kollaborazzjoni transkonfinali u transettorjali/interdixiplinari, użu aħjar mill-finanzjament disponibbli, kif ukoll disponibbiltà akbar tar-riżultati tar-riċerka.

L-arranġamenti baġitarji u ta' kwittanza huma simili għall-JUs kollha

1.38. Għall-JUs, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma responsabbli għall-proċeduri annwali baġitarji u ta' kwittanza. Il-kronoloġija tal-proċedura ta' kwittanza tintwera fil-Figura 1.10.

Figura 1.10

Proċedura annwali ta' kwittanza



Sors: Il-QEA.

L-AWDITU TAGĦNA

Il-mandat tagħna jkopri l-awditjar tal-kontijiet annwali u tat-tranżazzjonijiet tal-JUs

1.39. Kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet annwali tat-tmien JUs kollha għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

1.40. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-awditu tagħna, aħna nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni waħda għal kull impriża konġunta dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tagħna u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Fejn ikun xieraq, aħna nissupplimentaw id-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni b'osservazzjonijiet sinifikanti tal-awditjar (ara l-Kapitolu 3).

1.41. F'konformità mal-Artikoli 208(4) u 209(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE, l-awditjar tal-affidabbiltà tal-kontijiet għall-JUs kollha jiġi esternalizzat lil ditti tal-awditjar indipendenti esterni. Skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar, aħna eżaminajna l-kwalità tax-xogħol li sar minn dawn id-ditti tal-awditjar esterni u ksibna aċċertament suffiċjenti li stajna noqogħdu fuq ix-xogħol tagħhom fil-formulazzjoni tal-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-JUs għall-2018.

L-awditjar tagħna jiġbed l-attenzjoni għar-riskji ewlenin identifikati u jindirizzahom

1.42. L-awditu kollha tagħna huma maħsuba b'tali mod li jippruvaw jindirizzaw ir-riskji ewlenin identifikati. L-awditu annwali tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-JUs għall-2018 twettaq b'rispons għall-valutazzjoni tar-riskju tagħna, li hija ppreżentata fil-qosor hawn taħt.

Ir-riskju għall-affidabbiltà tal-kontijiet huwa minn baxx għal medju

1.43. B'mod ġenerali, aħna nqisu li r-riskju għall-affidabbiltà tal-kontijiet huwa baxx. Madankollu, minħabba bidla importanti fil-politika kontabilistika fl-2018, ir-riskju għall-F4E ġie vvalutat mill-ġdid bħala li huwa medju. Il-kontijiet tal-JUs jiġu stabbiliti bl-applikazzjoni tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment. L-għadd ta' żbalji materjali li nstabu fil-passat kien żgħir.

Ir-riskju għal-legalità u r-regolarità tad-dħul huwa kumplessivament baxx

1.44. Fl-2018, id-dħul tal-JUs kien jikkonsisti prinċipalment f'kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-baġit tal-Kummissjoni għal H2020 u Euratom. Kif stabbilit fir-regolamenti ta' kull impriża konġunta, il-baġits u d-dħul li jirriżulta jiġu maqbula mal-awtoritajiet baġitarji matul il-proċess baġitarju annwali.

Ir-riskju għal-legalità u r-regolarità tal-pagamenti għall-persunal u ta' dawk amministrattivi huwa baxx

1.45. Ir-riskju relatat mal-legalità u mar-regolarità tal-pagamenti kien meqjus li huwa baxx kemm għal dak li jirrigwarda l-pagamenti għall-persunal kif ukoll għal dawk amministrattivi. Is-salarji jiġu amministrati mill-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Flas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) tal-Kummissjoni, li aħna nawditjaw fil-qafas tal-valutazzjonijiet speċifiċi tagħha tan-nefqa amministrattiva. Fi snin reċenti, aħna ma sibna l-ebda żball materjali relatat man-nefqa għall-persunal. B'mod ġenerali, ir-riskju għal-legalità u r-regolarità tal-proċeduri ta' reklutaġġ kien baxx, iżda għall-JUs b'rata għolja ta' dawran tal-persunal ir-riskju kien medju.

Ir-riskju għal-legalità u r-regolarità tal-pagamenti operazzjonali huwa kumplessivament medju

1.46. Għall-pagamenti ta' għotja, b'mod ġenerali, ir-riskju ġie vvalutat li huwa medju minħabba li, għal pagamenti *interim* operazzjonali ta' H2020, il-benefiċjarju huwa meħtieġ jipprovdi ċ-ċertifikati dwar ir-rapporti finanzjarji (CFS) għal pagamenti finali biss (il-prinċipju tal-fiduċja).

1.47. Għall-pagamenti għal kuntratt u l-proċeduri ta' akkwist pubbliku, minħabba l-għadd limitat ta' dawn il-proċeduri mwettqa mill-JUs, b'mod ġenerali, ir-riskju ġie vvalutat li huwa baxx, iżda għall-F4E, li prinċipalment topera proċeduri ta' akkwist kumplessi għal kuntratti b'valur għoli, ir-riskju huwa medju.

Ir-riskju għall-ġestjoni tal-baġit huwa minn medju għal għoli

1.48. B'mod ġenerali, ir-riskju kien meqjus li huwa medju minħabba li l-għotjiet għar-riċerka għandhom valur għoli u huma pluriennali, filwaqt li għall-F4E, ir-riskju kien meqjus li huwa għoli minħabba l-kumplessità tal-proġett ITER, bosta emendi fil-kuntratti, u nuqqasijiet fl-ippjanar u fil-monitoraġġ tal-baġit għall-2017.

Ir-riskju għall-ġestjoni finanzjarja tajba huwa kumplessivament medju

1.49. B'mod ġenerali, ir-riskju kien meqjus li huwa medju, u prinċipalment dan ġie identifikat fl-oqsma tal-għażla tal-għotjiet u tal-akkwist pubbliku.

KAPITOLU 2

ĦARSA ĠENERALI LEJN IR-RIŻULTATI TAL-AWDITJAR

INTRODUZZJONI

2.1. Dan il-kapitolu jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditi annwali tagħna relatati mal-JUs Ewropej għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2018, kif ukoll ta' xogħol ieħor tal-awditjar relatat magħhom li aħna wettaqna matul l-2018.

Il-Kapitolu 3 ta' dan ir-rapport jinkludi d-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni (opinjonijiet tal-awditjar) dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-JUs u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawn il-kontijiet, kif ukoll il-kwistjonijiet u l-osservazzjonijiet kollha li ma jixħtux dubju fuq dawn l-opinjonijiet.

IR-RIŻULTATI TAL-AWDITI ANNWALI TAGĦNA RELATATI MAL-IMPRIŻI KONĠUNTI GĦAS-SENA
FINANZJARJA 2018 HUMA KUMPLESSIVAMENT POŻITTIVI

2.2. B'mod ġenerali, l-awditu li wettaqna tal-kontijiet annwali tal-JUs għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, kif ukoll tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati, ikkonferma r-riżultati pożittivi li aħna rrapportajna fi snin preċedenti.

Opinjonijiet “favorevoli” dwar l-affidabbiltà għall-JUs kollha

2.3. Aħna hrignu opinjonijiet mhux kwalifikati (“favorevoli”) tal-awditjar dwar il-kontijiet tal-JUs kollha. Fl-opinjoni tagħna, dawn il-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjonijiet finanzjarji tal-JUs fil-31 ta' Diċembru 2018 kif ukoll ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom u l-flussi tal-flus tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti finanzjarji applikabbli u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Osservazzjonijiet relatati mal-kontribuzzjoni mill-UE għall-ITER

2.4. Bħal fi snin preċedenti, l-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar il-kontijiet annwali tal-F4E għall-2018 hija akkumpanjata minn osservazzjoni ⁽¹⁾ biex niġbdu l-attenzjoni għal dan li ġej.

2.5. L-ITER huwa proġett pijunier għall-bini u l-operat ta' faċilità esperimentali li tiddimostra l-vijabbiltà speċifika tal-fużjoni bħala sors futur ta' enerġija sostenibbli. F'Novembru 2016, il-Kunsill tal-ITER ⁽²⁾ approva linja bażi riveduta għall-proġett ITER li tistabbilixxi l-ilħuq tal-Ewwel Plażma ⁽³⁾ u l-bidu tal-fażi operazzjonali fl-2025 bl-ikkompletar tal-fażi ta' kostruzzjoni fl-2035. Il-linja bażi l-ġdida hija kkunsidrata bħala l-eqreb data teknikament possibbli li tinkiseb ⁽⁴⁾. Il-linja bażi preċedenti tal-2010 kienet stmat li l-fażi ta' kostruzzjoni se tiġi kkompletata fl-2020 ⁽⁵⁾.

2.6. L-F4E kkalkulat mill-ġdid il-kontribuzzjoni tagħha għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett għal EUR 12-il biljun (fil-valuri tal-2008), li tirrappreżenta żieda meta mqabbla mal-ammont ta' EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008) li kien ġie approvat mill-Kunsill tal-UE fl-2010 ⁽⁶⁾.

2.7. L-istima ma tinkludix kontinġenzi, minkejja li l-Kummissjoni ssuġġeriet li jkun xieraq li jkun hemm kontinġenza sa 24 xahar f'termini ta' skeda ta' implimentazzjoni u 10-20 % ta' finanzjament addizzjonali f'termini ta' baġit ⁽⁷⁾.

⁽¹⁾ Osservazzjoni tintuża biex tingħed l-attenzjoni għal kwistjoni li ma tkunx ġiet materjalment iddikjarata b'mod skorrett fil-kontijiet, iżda li tkun ta' tant importanza li tkun fundamentali biex l-utenti jifhemu l-kontijiet.

⁽²⁾ Il-Kunsill tal-ITER huwa l-korp governattiv li jissorvelja x-xogħol tal-Organizzazzjoni ITER. Huwa għandu l-awtorità li jaħtar persunal ta' livell għoli, li jemenda r-regolamenti u li jiddeċiedi dwar il-baġit totali għall-proġett ITER u dwar il-parteċipazzjoni ta' membri addizzjonali fil-proġett. Il-Kunsill ITER huwa magħmul minn rappreżentanti tas-seba' membri — l-UE, iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, ir-Russja u l-Istati Uniti.

⁽³⁾ L-Ewwel Plażma tirrappreżenta l-istadju ta' kostruzzjoni tal-magna tal-fużjoni li se tippermetti l-ittestjar tal-komponenti essenzjali tal-magna; dan huwa wkoll il-punt fejn tibda l-fażi operattiva.

⁽⁴⁾ Kif ġie ddikjarat fil-ħames valutazzjoni annwali mwettqa minn Grupp ta' Rieżaminar indipendenti (il-31 ta' Ottubru 2016) u fir-rapport mill-Kap tal-Ġestjoni tal-Proġett tal-Impriża Konġunta F4E lill-Bord Amministrattiv, f'Diċembru 2016.

⁽⁵⁾ COM(2010)226 final tal-4.5.2010.

⁽⁶⁾ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-istatus tal-ITER (Ref. 11902/10).

⁽⁷⁾ COM(2017)319 final tal-14.6.2017 (akkumpanjata mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2017) 232 final tal-14.6.2017), il-Kapitolu V “ITER: it-triq 'il quddiem”.

2.8. Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew dwar id-deċiżjoni tiegħu li joħroġ mill-UE u mill-Euratom. Dan jista' jkollu effett sinifikanti fuq l-attivajiet ta' wara l-2020 tal-Impriża Konġunta F4E u tal-proġett ITER. Il-ftehim attwali dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE ggarantixxa l-finanzjament relatat mal-Euratom (inkluż l-ITER) sa tmiem l-2020 biss. Wara l-2020, fil-każ li ma jintlaħaq l-ebda ftehim, ir-Renju Unit mhux se jibqa' membru tal-F4E, u n-negozji tiegħu ma jkunux jistgħu jressqu offeriti għal kuntratti ITER permezz tal-F4E, dment li ma jkunx hemm ftehim bilaterali bejn ir-Renju Unit u l-UE rigward il-kooperazzjoni wara l-2020 għal dak li jirrigwarda l-finanzjament mill-ITER u mill-F4E.

2.9. F'April 2018 ⁽⁸⁾, il-Kunsill tal-UE ta mandat lill-Kummissjoni biex tapprova, f'isem il-Euratom, il-linja bażi riveduta relatata mal-ITER u afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jagħmel ir-riżorsi disponibbli fil-limiti tal-QFP li jmiss, iżda mingħajr preġudizzju għan-negozjati sussegwenti tal-QFP biex jiġu determinati d-dettalji tal-finanzjament futur.

2.10. Filwaqt li l-F4E ħadet passi pożittivi biex ittejjeb il-ġestjoni u l-kontroll tal-kontribuzzjoni tagħha għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett, għad hemm ir-riskju ta' aktar żidiet fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett meta mqabbel mal-linja bażi attwali. Barra minn hekk, l-F4E għadha ma stmatx il-kontribuzzjonijiet tagħha wara l-2035 għall-fażi operazzjonali tal-proġett.

Opinjonijiet "favorevoli" dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-JUs kollha

2.11. Għall-JUs kollha, aħna ħriġna opinjonijiet mhux kwalifikati ("favorevoli") tal-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018. Fl-opinjoni tagħna, it-tranżazzjonijiet kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.


Opinjonijiet "favorevoli" dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-JUs kollha

2.12. Għall-JUs kollha, aħna ħriġna opinjonijiet mhux kwalifikati ("favorevoli") tal-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018. Fl-opinjoni tagħna, it-tranżazzjonijiet kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

2.13. Il-Figura 2.1 tagħti stampa ġenerali tal-evoluzzjoni tal-opinjonijiet tal-awditjar annwali tagħna dwar il-kontijiet annwali, id-dħul u l-pagamenti tal-JUs mill-2016 sal-2018.

Figura 2.1

Evoluzzjoni tal-opinjonijiet tal-QEA dwar il-JUs mill-2016 sal-2018



Sors: Il-QEA.

L-osservazzjonijiet tagħna jindirizzaw oqsma fejn jista' jsir titjib

2.14. Mingħajr ma nixħtu dubju fuq l-opinjonijiet tagħna, aħna nagħmlu diversi osservazzjonijiet u kummenti biex nenfasizzaw kwistjonijiet ta' importanza u nindikaw oqsma fejn jista' jsir titjib. Dawn l-osservazzjonijiet, li d-dettalji dwarhom jingħataw fil-Kapitolu 3, huma miġbura fil-qosor hawn taħt. Huma jikkonċernaw kwistjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja, il-kontribuzzjonijiet *in natura*, il-qafas ta' kontroll intern u ta' monitoraġġ, il-proċeduri ta' għotja, il-ġestjoni finanzjarja tajba, u d-dawran tal-persunal. Barra minn hekk, dan il-kapitolu jippreżenta r-riżultati tal-analiżi li wettaqna fuq is-sinerġija fost il-JUs matul l-2018.

⁽⁸⁾ L-ammont ta' EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008), li ġie adottat mill-Kunsill tal-UE fl-2010, attwalment iservi bħala limitu massimu għall-infiq tal-Impriża Konġunta sal-2020.

Għad hemm nuqqasijiet fl-ippjanar annwali tal-pagamenti

2.15. Il-proċess ta' ppjanar pluriennali tal-baġit tal-JUs għal għotjiet importanti għar-riċerka u għal proġetti kumplessi (F4E) kien ir-raġuni prinċipali għan-nuqqasijiet persistenti fl-ippjanar tal-baġit tal-appropriazzjonijiet ta' pagament.

2.16. Minħabba nuqqasijiet serji fil-proċess ta' ppjanar tal-baġit fi snin preċedenti, l-F4E kellha żżid b'mod sinifikanti il-valur tal-appropriazzjonijiet ta' pagament fil-baġit inizjali b'madwar EUR 160 miljun, jew b'25 %, biex tkopri l-ħtiġijiet ta' pagament reali tagħha fl-2018.

2.17. F'żewġ każijiet (SESAR u ECSEL), ir-rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament fl-2018 kienet sinifikattivament aktar baxxa milli mistenni. Għas-SESAR, dan kien ikkawżat minn ippjanar konservattiv tal-baġit, li kien jippermetti r-riskju li l-ftehimiet annwali relatati mal-implimentazzjoni finanzjarja jaslu tard, kif ukoll mill-fatt li l-appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-snin preċedenti ma kinux ittiedu inkunsiderazzjoni għall-baġit tal-2018. Għall-ECSEL, ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni tal-baġit kienet dovuta kemm għad-dewmien min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali ta' finanzjament (NFAs) biex jipprovdu ċertifikati ta' tmiem tal-proġett għall-attivitajiet taħt l-FP7 li kienu għadhom għaddejjin, kif ukoll għall-kontribuzzjoni addizzjonali ta' EUR 20 miljun mill-programm H2020 riċevuta f'Diċembru 2018.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 1

Fl-ippjanar għal appropriazzjonijiet ġodda ta' pagament, il-JUs huma mħeġġa li jqisu kemm l-ammont akkumulat tal-appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati mis-snin preċedenti li jkunu reġgħu ddaħħlu fil-baġit tas-sena attwali, kif ukoll l-ammont tal-appropriazzjonijiet ta' pagament irkuprati (dħul assenjat intern).

Ir-rata ta' implimentazzjoni tal-JUs u l-attivitajiet tal-membri privati huma oqsma li fihom jista' jsir titjib ulterjuri

Il-JUs kisbu rata ta' implimentazzjoni ta' 89 % taħt il-QFP 2007-2013

2.18. Fl-2018, l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taħt l-FP7 u t-TEN-T min-naħa tal-JUs kienet fil-fażi ta' għeluq tagħha.

2.19. Il-JUs li jimplementaw attivitajiet taħt il-programmi FP7 u TEN-T huma s-SESAR, is-CS, l-IMI, l-FCH u l-ECSEL. It-Tabella 2.1 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għal dawn il-JUs fi tmiem l-2018. Bħala medja, dawn il-kontribuzzjonijiet irrappreżentaw 89 % tal-miri stabbiliti mir-regolamenti fundaturi tal-JUs f'dak li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet li jridu jintlaħqu sa tmiem il-perjodu tal-programm.

Tabella 2.1

Kontribuzzjonijiet mill-membri taħt l-FP7 u t-TEN-T

(f'miljun EUR)

Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			JUs taħt l-FP7	Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)			Rata ta' implimentazzjoni
UE	Membri oħra	Total		UE	Membri oħra	Total	
700,0	1 284,3	1 984,3	SESAR 1	634,1	1 099,8	1 733,9	87 %
800,0	600,0	1 400,0	CS 1	800,0	608,5	1 408,5	101 %
1 000,0	1 000,0	2 000,0	IMI 1	916,0	735,8	1 651,8	83 %
470,0	470,0	940,0	FCH 1	421,3	442,5	863,8	92 %
655,5	1 784,4	2 439,9	ECSEL (għal Artemis/Eniac)	655,5	1 495,4	2 150,9	88 %
3 625,5	5 138,7	8 764,2	Total	3 426,9	4 382,0	7 808,9	89 %

Sors: Data pprovduta mill-JUs.

Il-JUs juru wkoll xi dewmien taħt il-QFP 2014-2020

2.20. Fl-2018, f'nofs l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom taħt H2020, xi wħud mill-JUs ma kisbux il-progress mistenni fil-programmi tagħhom u għalhekk waqgħu lura fl-ilħuq tal-miri stabbiliti mir-regolamenti fundaturi rispettivi tagħhom f'dak li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet.

2.21. Is-seba' JUs li jimplimentaw attivitajiet taħt H2020 huma s-SESAR, is-CS, l-IMI, l-FCH, l-ECSEL, il-BBI, u l-S2R. It-Tabella 2.2 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet tagħhom għal dawn l-attivitajiet fi tmiem l-2018. Sa nofs il-perjodu ta' programmazzjoni, dawn il-JUs kienu implimentaw fuq medja 39 % tal-attivitajiet tagħhom taħt H2020 u ta' daww addizzjonali relati, u 31 % jekk ma jiġux ikkunsidrati l-attivitajiet addizzjonali.

Tabella 2.2

Orizzont 2020 — Kontribuzzjonijiet mill-membri

(f'miljun EUR)

Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)				Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)							
UE	IKOP ta' membri oħra ⁽¹⁾	IKAA ta' membri oħra ⁽²⁾	Total	JUs taħt Orizzont 2020	UE	IKOP iinvalidati	IKOP irrappurtati iżda mhux iinvalidati	IKAA	Total	Rata ta' implimentazzjoni bl-inklużjoni tal-IKAA	Rata ta' implimentazzjoni mingħajr l-IKAA
585,0	1 000,0	M/A	1 585,0	SESAR 2020	216,9	128,6	120,2	M/A	465,7	29 %	29 %
1 755,0	1 228,6	965,3	3 948,9	CS2	816,7	288,0	157,6	801,7	2 064,0	52 %	42 %
1 638,0	1 425,0	M/A	3 063,0	IMI2	241,9	144,0	83,9	M/A	469,8	15 %	15 %
665,0	95,0	285,0	1 045,0	FCH2	318,8	5,4	7,7	636,3	968,2	93 %	44 %
1 185,0	1 657,5	M/A	2 842,5	ECSEL	512,0	11,3	694,1	M/A	1 217,4	43 %	43 %
975,0	975,0	1 755,0	3 705,0	BBI	264,6	21,2	36,8	699,9	1 022,5	28 %	17 %
398,0	350,0	120,0	868,0	S2R	158,9	28,2	63,7	160,4	411,2	47 %	34 %
7 201,0	6 731,1	3 125,3	17 057,4	Total	2 529,8	626,7	1 164,0	2 298,3	6 618,8	39 %	31 %

⁽¹⁾ Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali tal-impriża konġunta

⁽²⁾ Kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali li ma jaqgħux taħt il-programm ta' ħidma tal-impriża konġunta

Sors: Data pprovduta mill-JUs.

Il-membri tal-industrija jikkontribwixxu prinċipalment għal attivitajiet li ma jaqgħux taħt il-programmi ta' ħidma tal-JUs iżda li jaqgħu fi ħdan l-oġettivi tagħhom

2.22. Fil-każ ta' erba' JUs (CS, FCH, BBI u S2R), ir-regolamenti fundaturi rispettivi jipprevedu kontribuzzjonijiet *in natura* li għandhom isiru mill-membri privati fil-forma ta' attivitajiet addizzjonali li ma jitwettqux taħt il-programmi ta' ħidma tal-JUs, u jistabbilixxu livell minimu ta' kontributi li jeħtieġ li jintlaħaq sa tmiem il-programm. Kif jidher fit-Tabella 2.2, sa tmiem l-2018, il-kontribuzzjonijiet li saru mill-membri tal-industrija kienu jikkonsistu prinċipalment fid-dikjarazzjoni tal-ispejjeż għal dawn l-attivitajiet.

2.23. Sa tmiem l-2018, is-sħab fl-industrija u fir-riċerka tal-JUs li jimplimentaw attivitajiet taħt H2020 kienu kkontribwew EUR 4 biljun, jew perċentwal ta' 41 %, tal-kontribuzzjonijiet totali maqbula ta' EUR 9,8 biljun. Dan l-ammont jikkonsisti minn EUR 1,7 biljun ⁽⁹⁾ f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali proprji tal-JUs taħt H2020 (42 %) u minn EUR 2,3 biljun f'kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet li ma jaqgħux taħt il-programmi ta' ħidma tal-JUs (57 %). Fi tmiem l-2018, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet operazzjonali kienet ta' 25 %, filwaqt li dik għall-kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali kienet kważi 75 %. Minkejja l-importanza tal-attivitajiet addizzjonali, ma hemm l-ebda obbligu li jiġu ddivulgati l-kontribuzzjonijiet korrispondenti fil-kontijiet annwali u aħna ma nistgħux nawditjawhom ⁽¹⁰⁾. B'konsegwenza ta' dan, aħna ma nistgħux nipprovdru opinjoni dwar in-natura, il-kwalità u l-kwantità ta' dawn il-kontribuzzjonijiet rigward is-CS, l-FCH, il-BBI u l-S2R (ara l-Kaxxa 2.1 u l-Kaxxa 2.2).

⁽⁹⁾ Minn dan l-ammont, madwar EUR 0,6 biljun biss (35 %) kienu ġew iċċertifikati fi tmiem l-2018.

⁽¹⁰⁾ L-Artikolu 4(4) tar-regolamenti fundaturi rispettivi ta' kull impriża konġunta.

Kaxxa 2.1

Kontribuzzjonijiet in natura għal attivitajiet addizzjonali (CS, FCH, BBI u S2R)

Kif previst fl-Artikolu 4(2)(b), li huwa komuni għar-regolamenti fundaturi ta' dawn il-JUs, "attivitajiet addizzjonali" huma kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet li ma jaqgħux taħt il-programm ta' ħidma u l-baġit tal-impriża konġunta speċifika, iżda li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali tagħha. Jenħtieġ li l-attivitajiet korrispondenti jiġu stipulati fi pjan annwali ta' attivitajiet addizzjonali li jindika l-valur stmat tal-kontribuzzjonijiet. F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-regolamenti fundaturi, l-ispejjeż tal-attivitajiet addizzjonali jridu jiġu ċċertifikati minn awditur indipendenti estern u mhumiex suġġetti għall-awditjar mill-QEA jew minn kwalunkwe korp ieħor tal-UE.

Kaxxa 2.2

Kontribuzzjonijiet in natura għall-attivitajiet operazzjonali tal-JUs

Kif previst fir-regolamenti fundaturi ta' kull impriża konġunta, jenħtieġ li l-ispejjeż operattivi tal-JUs ikunu koperti kemm permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE kif ukoll permezz ta' kontribuzzjonijiet *in natura* mill-membri tal-industrija. Il-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri tal-industrija jikkonsistu fl-ispejjeż imġarrba minnhom fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni min-naħa tal-impriża konġunta, li minnhom titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-impriża konġunta u kwalunkwe kontribuzzjoni oħra mill-UE għal dawk l-ispejjeż.

2.24. Barra minn hekk, fir-rigward tal-BBI, għalkemm ir-regolament fundatur tagħha ġie espressament emendat fl-2018 biex il-membri tal-industrija jkunu jistgħu jagħtu rendikont tal-kontribuzzjonijiet tagħhom fi flus kontanti fil-livell tal-proġetti, għad hemm riskju għoli li l-membri tal-industrija ma jiksbox l-ammont minimu meħtieġ ta' EUR 182,5 miljun f'kontribuzzjonijiet operazzjonali fi flus kontanti sa tmiem il-programm tal-BBI. B'riżultat ta' dan, fi tmiem l-2018, il-Kummissjoni (DG RTD) iddeċidiet li tnaqqas b'EUR 140 miljun il-baġit tal-Impriża Konġunta għall-2020, li kien ta' EUR 205 miljun.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 2

Fejn regolament fundatur ta' impriża konġunta jirrikjedi kontribuzzjonijiet finanzjarji operazzjonali mill-membri tagħha, jenħtieġ li l-membri fundaturi jaqblu dwar sistema ta' kontribuzzjoni finanzjarja li tkun ċara u li tkun ġiet maqbula b'mod komuni biex tiżgura li l-ammont meħtieġ se jintlaħaq qabel it-tmiem tal-programm, u jenħtieġ li din tiġi riflessa fir-regolament.

Il-kontrolli interni fir-rigward tal-pagamenti kienu ġeneralment effettivi

2.25. Il-JUs stabbilew proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analizzijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. Għal pagamenti *interim* u pagamenti finali taħt l-FP7, ditti tal-awditjar indipendenti esterni, ikkuntrattati mill-JUs, iwettqu awditi *ex post* għand il-benefiċjarji. Għal klejms għall-ispejjeż taħt H2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli għal dawn l-awditi, għalkemm huwa jesternalizza madwar tliet kwarti minnhom lil ditti tal-awditjar esterni. Il-JUs kollha użaw dawn il-kontrolli ewlenin b'mod effettiv biex jivvalutaw il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti tagħhom.

2.26. Għall-pagamenti ta' għotja taħt l-FP7, il-JUs (bl-eċċezzjoni tal-ECSEL) irrappurtaw rati tal-iżball residwu taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %, ibbażati fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* fi tmiem l-2018. Aħna kkonfermajna dan ir-riżultat permezz ta' ttestjar sostantiv li wettaqna fuq l-aħħar pagamenti ta' għotja. Fir-rigward tal-ECSEL, il-varjazzjoni sinifikanti fil-metodoloġġi u fil-proċeduri li ntużaw mill-NFAs ma tippermettix li l-Impriża Konġunta tikkalkula rata unika ta' żball residwu għall-pagamenti taħt l-FP7. Għal dawn il-pagamenti, aħna applikajna r-rata tal-iżball residwu li ġiet stabbilita mid-DG RTD għall-programm FP7 kollu, u li fi tmiem l-2018 kienet ta' 3,36 %. B'riżultat ta' dan, minħabba l-perċentwal baxx tal-pagamenti taħt l-FP7 fl-2018, ir-rata tal-iżball residwu għall-pagamenti operazzjonali totali li saru mill-ECSEL f'dik l-istess sena hija taħt is-soll ta' materjalità.

2.27. Għall-pagamenti ta' għotja taħt H2020, fi tmiem l-2018, il-JUs kollha li jimplementaw proġetti taħt H2020 irrappurtaw rata tal-iżball residwu taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 %, ibbażata fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* fi tmiem l-2018. L-analizzijiet li wettaqna fuq ix-xogħol tal-awditjar tal-CAS u fuq dak ta' ditti tal-awditjar esterni, kif ukoll ċerti testijiet ta' twettiq mill-ġdid li saru għand il-benefiċjarji, ikkonfermaw dan ir-riżultat. Madankollu, l-analiżi li wettaqna wriet ukoll sejbiet simili għal dawk fil-paragrafi 5.3 – 5.34 tar-Rapport Annwali 2018 tagħna, fejn aħna rrappurtajna dwar dgħufijiet li nstabu fix-xogħol tal-awditjar *ex post*.

Dgħufijiet fil-ġestjoni finanzjarja tajba jqiegħdu f'riskju l-effettività operazzjonali tal-JUs

2.28. L-awditjar finanzjarju u tal-konformità annwali żvela wkoll dgħufijiet importanti fil-ġestjoni finanzjarja tajba fl-oqsma tal-ġestjoni tal-proġetti u tal-għotjiet.

2.29. Għal snin, aħna u l-esperti esterni flimkien issuġġerejna li l-F4E timplimenta sistema ta' ġestjoni tal-valur gwadanjat (EVM) ⁽¹⁾ biex tkejjel il-prestazzjoni abbażi tal-progress tekniku tal-proġetti, flimkien mal-ispiża imġarrba għal dak il-progress. Madankollu, fl-2018, l-F4E kompliet tuża s-sistema ta' krediti tal-ITER biex timmonitorja l-progress tal-proġett tagħha.

2.30. Fl-2018, għall-ewwel darba, l-S2R niedet sejħa pilota bi skema ta' finanzjament bbażata fuq somom f'daqqa li kienet ristretta għall-membri tagħha. Matul il-proċess ta' evalwazzjoni, l-esperti finanzjarji ltaqgħu ma' xi diskrepanzi materjali bejn il-proposti finanzjarji u d-*data* finanzjarja storika tal-benefiċjarji.

2.31. Għall-BBI, minħabba t-tfassil tas-sejħa għal proposti tagħha tal-2018 kif ukoll il-ġestjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni tagħhom, waħda minn żewġ suġġetti ewlenin fis-sejħa baqgħet ma rċevietx finanzjament, minkejja li kien hemm proposti eliġibbli u evalwati tajjeb għaż-żewġ suġġetti. Għas-SESAR, dgħufijiet fit-tfassil tas-sejħa għal proposti tal-2018 għall-fondi taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) irriżultaw fi trikkib u inkonsistenzi fost il-kriterji tal-għoti, li jqiegħdu f'riskju l-effettività ġenerali tal-proċess ta' evalwazzjoni tal-għotjiet.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 3

L-F4E hija mħeġġa li timplimenta sistema EVM biex il-progress tal-proġetti jkun jista' jiġi mmonitorjat fuq il-bażi kemm tal-ispejjeż imġarrba kif ukoll tal-ilħuq tal-oġġettivi intermedjarji tekniċi.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 4

Biex jiżguraw l-effiċjenza u l-effettività tal-finanzjament f'forma ta' somom f'daqqa, il-JUs huma mħeġġa li jibbażaw l-evalwazzjoni finanzjarja tal-proposti fuq database tal-benefiċjarji li tkun soda u li jkollha *data* finanzjarja affidabbli li tkopri bosta snin.

L-evalwazzjonijiet tal-JUs jipprovdu valur miżjud, iżda jeħtieġ li t-twaqqit jiġi kkunsidrat mill-ġdid

2.32. Fi tmiem l-2017, il-Kummissjoni infurmat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet statutorji finali tal-JUs stabbiliti taħt il-programm FP7 (SESAR, IMI, FCH, CS, ARTEMIS u ENIAC) u l-evalwazzjonijiet statutorji *interim* tal-JUs stabbiliti taħt H2020 (SESAR, IMI2, CS2, FCH2, ECSEL, S2R u BBI). L-evalwazzjonijiet twettqu bl-assistenza ta' esperti indipendenti u koprew il-prestazzjoni tal-JUs f'termini ta' rilevanza, effiċjenza, effettività, koerenza, u valur miżjud tal-UE, filwaqt li ttieħdu wkoll inkunsiderazzjoni t-trasparenza u l-kwalità tar-riċerka.

2.33. Filwaqt li, b'mod ġenerali, l-evalwaturi qiesu li l-prestazzjoni tal-JUs kienet pożittiva, huma rrakkomandaw:

- li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-membri tal-industrija, l-Istati Membri, l-SMEs u partijiet ikkonċernati oħra;
- li titjeb il-koordinazzjoni mal-programmi l-oħra ta' riċerka fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE;
- li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri l-ġodda; li jkompli jiġi żvilupp qafas għall-kejl tal-prestazzjoni kompatibbli mal-obbligu ta' rendikont b'indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex issir valutazzjoni aħjar tal-impatti u l-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-JUs;
- li jsir titjeb fid-disseminazzjoni u l-isfruttament tar-riżultati tal-proġetti tal-JUs.

2.34. B'rispons għal dan, kull impriża konġunta ħejjiet pjan ta' azzjoni u bdiet timplimentah fl-2018. Matul l-awditu finanzjarju 2018 tagħha, aħna analizzajna l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni.

⁽¹⁾ L-EVM tgħin lill-manijers tal-proġetti biex ikejlu l-prestazzjoni tal-proġetti. Hija tikkostitwixxi proċess sistematiku għall-monitoraġġ tal-proġetti li jintuża biex jinstabu devjazzjonijiet fil-progress tal-proġetti abbażi tat-tqabbil tax-xogħol imwettaq u dak ipplanat. Din is-sistema tintuża għall-kontroll tal-ispejjeż u tal-iskeda ta' żmien, u biex tipprovi *data* kwantitattiva għat-tehdid ta' deċiżjonijiet relatati mal-proġetti. Il-linja bażi tal-proġett hija komponent essenzjali tal-EVM u sservi bħala punt ta' referenza għall-attivitatiet kollha relatati mal-EVM.

2.35. Filwaqt li l-evalwazzjoni *interim* għal kull impriża konġunta ġiet ikkompletata f'konformità mal-perjodu ta' żmien preċiż iffissat fil-qafas legali rispettiv, aħna nemmnu li l-evalwazzjoni ma ġietx skedata fl-aħjar żmien biex tkun tista' tikkontribwixxi għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' JUs li nħolqu reċentement taħt H2020 (BBI, S2R u ECSEL). Billi dawn il-JUs kellhom jistabbilixxu l-istruttura amministrattiva proprja tagħhom fl-2014 u fl-2015, huma kienu għadhom fi stadju operazzjonali bikri fiż-żmien meta twettqet l-evalwazzjoni *interim*.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 5

Minħabba li l-evalwazzjonijiet finali mhumiex skedati qabel l-2024, hemm il-ħtieġa li l-evalwazzjonijiet *interim* tal-JUs il-ġodda jiġu ssupplimentati fi stadju (f'nofs) aktar tard, meta jkunu wettqu xogħol biżżejjed, biex il-prestazzjoni tkun tista' tiġi mkejla b'mod adegwat u jkunu jistgħu jsiru rakkomandazzjonijiet li jkunu utli u effettivi.

Bosta JUs esperjenzaw rati għolja ta' dawran tal-persunal

2.36. Bosta JUs (IMI, CS u S2R) kellhom rata għolja ħafna ta' dawran tal-persunal fl-2018; b'konsegwenza ta' dan, l-użu tagħhom ta' persunal *interim* żdied b'mod sinifikanti.

2.37. Il-JUs spjegaw li d-daqs żgħir tagħhom meta mqabbel ma' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE (bħala medja, huma għandhom 30 membru tal-persunal), jirrappreżenta żvantaġġ għalihom meta jiġu biex jirreklutaw u jżommu lill-persunal.

2.38. Fl-2018, aħna osservajna li l-użu ta' persunal *interim* u ta' konsulenti kien partikolarment importanti għal xi wħud mill-aġenziji tal-UE li mhumiex konformi mal-qafas legali ⁽¹²⁾. Aħna se nanalizzaw ukoll l-istess problema fir-rigward tal-JUs fl-2019.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 6

Il-JUs huma mħeġġa biex, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, isibu modi ta' kif jistgħu jevitaw l-użu eċċessiv ta' persunal *interim*.

Is-sinerġiji fost il-JUs ġew sfruttati għal servizzi ta' appoġġ, iżda għall-attivitajiet ta' riċerka dawn jibqgħu limitati

2.39. Il-JUs diġà qed jikkollaboraw f'dak li jirrigwarda l-akkwist f'diversi oqsma amministrattivi. L-akkwist konġunt huwa rakkomandat għal xiri li mhuwiex speċifikament marbut mal-attivitajiet operazzjonali rispettivi tal-impriża konġunta u li mhuwiex kopert minn kuntratti qafas interstituzzjonali. L-akkwist konġunt huwa partikolarment ta' vantaġġ fl-oqsma tal-IT u tal-ġestjoni tad-*data*, tar-riżorsi umani, tas-servizzi ta' konsulenza u tal-ġestjoni tal-bini. Bosta kuntratti qafas konġunti diġà jeżistu f'dawn l-oqsma jew inkella ġew konklużi fl-2018 biex jissodisfaw ħtiġijiet ġodda, bħall-implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

2.40. Barra minn hekk, il-fatt li l-JUs esternalizzaw il-funzjoni kontabilistika tagħhom lid-DĠ BUDG fl-2016 ikkontribwixxa għall-preżentazzjoni armonizzata tal-kontijiet tal-JUs.

2.41. B'mod ġenerali, il-JUs jaqblu li l-akkwist konġunt iżid b'mod sinifikanti l-effiċjenza, l-effettività u l-konsistenza tas-servizzi kkonċernati, u ppermetta ekonomiji ta' skala sostanzjali u t-tnaqqis tar-riżorsi.

2.42. Fl-2018, minħabba analiżi insuffiċjenti tal-ħtiġijiet u tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji fit-tnedija tal-proċeduri ta' akkwist konġunt, xi wħud mill-JUs iffaċċjaw xi problemi, inkluż:

- il-kuntratti qafas konġunti li kienu insuffiċjenti u li kienu pprezzati b'mod eċċessiv,
- id-dewmien fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' karatteristiċi speċifiċi għall-impriża konġunta fl-għodod tal-IT tal-Kummissjoni għal H2020,
- l-ilħuq tal-limiti tas-servizzi ta' appoġġ komuni tal-Kummissjoni, pereżempju, is-servizz ċentralizzat tal-awditjar *ex post* fid-DG RTD, is-servizz kontabilistiku fid-DG Baġit, u l-kuntratti qafas tal-Kummissjoni għal servizzi ta' persunal *interim*.

⁽¹²⁾ Ara r-Rapport Annwali dwar l-Aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018 (ĠU C 417, 11.12.2019, p. 1)

2.43. Is-servizzi korporattivi tal-JUs huma razzjonalizzati, u dan jirrifletti l-ħtiġijiet tagħhom li huma pjuttost simili għal servizz amministrattiv u kuntratti ta' provvista. Min-naħa l-oħra, l-attivitajiet operazzjonali konġunti fost il-JUs huma pjuttost limitati minħabba l-ispeċifità tal-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni u tal-programmi ta' ħidma tagħhom. Fl-2018, studju wieħed biss tnedja b'mod konġunt — min-naħa tal-FCH u l-S2R, dwar l-użu li jsir miċ-ċelloli tal-idroġenu fl-ambjent ferrovarju. Bosta JUs kellhom aktar sinerġiji operazzjonali mal-aġenziji deċentralizzati tal-UE li joperaw fl-oqsma rispettivi tagħhom tar-riċerka u l-innovazzjoni: pereżempju, is-SESAR u l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) ikkollaboraw flimkien f'dak li jirrigwarda d-droni.

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu 7

Qabel it-tnedija ta' akkwist, jeħtieġ li l-JUs jivvalutaw jekk huma jistgħux jingħaqdu fi proċedura li tkun għaddejja jew f'kuntratt qafas eżistenti. In-Netwerk tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea (EUAN) jospita portal konġunt għall-akkwisti li l-JUs jistgħu jikkonsultaw regolarment biex jidentifikaw opportunitajiet ta' akkwist konġunt.

Kwalunkwe kollaborazzjoni jew sinerġija previsti f'oqsma importanti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq analiżi minn qabel tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji li tqis, fost affarijiet oħra, l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet, il-kisbiet fl-effiċjenza u simplifikazzjoni, it-telf ta' flessibbiltà, ir-riżorsi meħtieġa għall-koordinazzjoni u l-kontrolli, kif ukoll l-impatt fuq ir-riżorsi umani.

Il-JUs huma mħeġġa li jesploraw opportunitajiet ulterjuri għal kooperazzjoni u azzjoni konġunta fir-rigward tal-attivitajiet operazzjonali tagħhom.


Il-JUs qed iwettqu segwitu għas-sejbiet tal-awditjar mis-snin preċedenti

2.44. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-JUs hađu azzjoni korrettiva biex jagħtu segwitu għall-osservazzjonijiet u l-kummenti li saru fir-rapporti annwali speċifiċi tagħna mis-snin preċedenti. Id-dettalji jistgħu jinstabu fl-annessi għall-opinjoni tagħna fil-Kapitolu 3.

2.45. Il-Figura 2.2 turi li, għat-30 osservazzjoni li ma kinux ġew indirizzati sa tmiem l-2017, l-azzjoni korrettiva kienet ittieħdet fl-2018 biex 20 osservazzjoni (67 %) setgħu jiġu kkompletati filwaqt li 10 osservazzjonijiet (33 %) kienu għadhom jinsabu għaddejjin sa tmiem l-2018.

Figura 2.2

Sforzi mill-JUs biex jagħtu segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti



Sors: Il-QEA.

RIŻULTATI TAL-AWDITJAR MINN DOKUMENTI REĊENTI OĦRA TAL-QEA LI JIFFUKAW FUQ IL-JUS

2.46. Minbarra r-rapport annwali tal-awditjar relatat mal-kontijiet annwali tal-JUs, matul l-2018, aħna ħriġna wkoll għadd ta' rapporti speċjali tal-awditjar li kienu jirreferu għall-JUs (ara l-Figura 2.3).

Figura 2.3

Riżultati tal-awditjar minn dokumenti oħra relatati mal-JUs maħruġa reċentement mill-QEA



Ir-Rapport Speċjali Nru 29/2018 tal-QEA:
Il-maġġoranza tal-miżuri ta' simplifikazzjoni integrati f'Orizzont 2020 iffaccilitaw aktar il-ħajja għall-benefiċjarji, iżda għad hemm lok għal titjib

Il-programm Orizzont 2020 jipprovdi finanzjament lil riċerkaturi, istituti tar-riċerka, universitajiet, kumpanji privati u korpi pubbliċi, sew individwalment kif ukoll f'konsorzji, bħala parti minn proġetti kollaborattivi ta' riċerka. B'baġit ta' EUR 76.4 biljun għall-perjodu mill-2014 sal-2020, huwa jikklassifika bħala l-akbar programm pubbliku ta' riċerka u innovazzjoni fid-dinja. L-awditu tagħna eżamina jekk il-bidliet li ġew introdotti permezz ta' Orizzont 2020 kinux effettivi fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv minn fuq il-benefiċjarji. Aħna kkonkludnejna li l-maġġoranza tal-miżuri ta' simplifikazzjoni kienu effettivi, għalkemm mhux l-azzjonijiet kollha pproduċew ir-riżultati mixtieqa u għad hemm lok għal titjib. Il-benefiċjarji jeħtieġu gwida u għodod aktar faċli għall-utent, u l-Kummissjoni għandha tkompli tittestja x-xerġien u l-utilizzabbiltà tal-iskemi ġodda ta' finanzjament. L-istabbiltà fir-regoli hija importanti wkoll, u filwaqt li l-benefiċjarji jistgħu jadattaw għall-komplessità, modifiki frekwenti tal-gwida jistgħu jikkawżaw konfużjoni u inċertezza.

Id-dettalji dwar il-konklużjonijiet tal-awditjar, ir-rakkomandazzjonijiet relatati u r-risposti tal-entità awditjata jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-QEA eca.europa.eu.

Sors: Il-QEA.



Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2019 tal-QEA:
Ir-regolamentazzjoni tal-UE għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tal-traffiku tal-ajru pprovdi valur miżjud – iżda, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, il-finanzjament ma kienx meħtieġ - mobilizzazzjoni tas-SESAR

Fl-2005, l-UE niedet programm magħruf bħala SESAR biex jarmonizza u jimmodernizza s-sistemi u l-proċeduri ta' ġestjoni tal-traffiku tal-ajru (ATM) fl-Ewropa kollha. Dawn is-sistemi tradizzjonalment ġew żviluppati fil-livell nazzjonali. B'mod globali, l-UE impenjat EUR 3.8 biljun favur is-SESAR bejn l-2005 u l-2020, li minnhom EUR 2.5 biljun ġew assenjati biex jingħata appoġġ għall-mobilizzazzjoni ta' dawn is-sistemi u l-proċeduri.

F'dan l-awditu, aħna eżaminajna l-intervent tal-UE fil-fażi ta' mobilizzazzjoni tas-SESAR, il-pilastru teknoloġiku tal-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew (SES) tal-UE. Aħna kkonkludnejna li l-intervent regolatorju li sar mill-UE fil-forma ta' proġetti komuni pprovda valur miżjud. Madankollu sibna wkoll li, fil-biċċa l-kbira, il-finanzjament li ngħata mill-UE bħala appoġġ għall-modernizzazzjoni tal-ATM ma kienx meħtieġ, u li l-ġestjoni tal-finanzjament hija affettwata minn xi nuqqasijiet. Aħna għamilna wkoll għadd ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea bħala għajjnuna għat-titjib tal-appoġġ li hija tagħti għall-modernizzazzjoni tal-ATM.

Id-dettalji dwar il-konklużjonijiet tal-awditjar, ir-rakkomandazzjonijiet relatati u r-risposti tal-entità awditjata jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-QEA eca.europa.eu.



Analiżi panoramika 2018:
Lejn settur tat-trasport ġewwa l-UE li jkollu suċċess: sfidi li jridu jiġu indirizzati

Din l-analiżi panoramika tiddekrivi u tanalizza dak li qed isir mill-UE fil-ġasam tat-trasport. Aħna niffukaw fuq investimenti fl-infrastruttura finanzjati mill-baġit tal-UE u nippreżentaw suġġetti trażversali li identifikkajna f'awditu li wettaqna reċentement tal-ħames mezz prinċipali ta' trasport: bit-triq, bil-ferroviji, bl-ajru, minn passaġġi fuq il-ma interni u dak marittimu.

Aħna sibna li l-UE kienet għamlet progress fl-iżvilupp tal-infrastruttura u fil-ftuħ tas-suq intern tat-trasport, iżda aħna nwisu wkoll li jeħtieġu li hija tindirizza sitt sfidi ewlenin biex tinkiseb mobbiltà aħjar ġewwa l-Unjoni. Dawn jinkludu t-tqabbil tal-objettivi u tal-prijoritajiet mar-riżorsi, ipplanar aħjar, manutenzjoni tal-infrastruttura, infurzar effettiv, il-bidla mit-trasport tal-merkanzija bit-triq għal mezz oħra ta' trasport kif ukoll li jiġi żgurat il-valur miżjud tal-UE.

Permezz tal-informazzjoni ċara u aċċessibbli li hija tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati u lil dawk interessati, din l-analiżi panoramika għandha l-għan li tħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati biex itejbu l-azzjonijiet u/jew jikkordinawhom aħjar sabiex jipprovdu valur miżjud għall-isforzi tal-UE biex tilħaq l-objettivi tal-politika tagħha dwar it-trasport.

Id-dettalji dwar il-konklużjonijiet tal-awditjar, ir-rakkomandazzjonijiet relatati u r-risposti tal-entità awditjata jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-QEA eca.europa.eu.

KAPITOLU 3

DIKJARAZZJONIJIET TA' ASSIGURAZZJONI TAL-IMPRIŻI KONĠUNTI TAL-UE

3.1. *Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni***Bażi għal opinjonijiet**

3.1.1. Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC, u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-INTOSAI. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-istandards jingħataw f'aktar dettall fit-taqsimha dwar ir-responsabbiltajiet tal-Awditur tar-rapport tagħna. F'konformità mal-Kodiċi ta' Etika għall-Kontabilisti Professjonali li nħareġ mill-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti (il-Kodiċi tal-IESBA), u r-rekwiżiti etiċi li huma rilevanti għall-awditu tagħna, aħna indipendenti u wettaqna r-responsabbiltajiet etiċi l-oħra tagħna skont dawn ir-rekwiżiti etiċi u l-Kodiċi tal-IESBA. Aħna nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksibna hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna.

Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' dawk inkarigati mill-governanza

3.1.2. Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolamenti Finanzjarji tal-JUs, il-maniġment ta' kull impriża konġunta huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tagħhom abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontrolli interni rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu jikkonformaw mal-awtoritajiet li jirregolawhom.

3.1.3. Fit-tħejjija tal-kontijiet, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-impriża konġunta li tkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga, kif applikabbli, kwistjonijiet relatati ma' negozju avvjat u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat, dment li ma jkunx biħsiebu jillikwida l-entità jew itemm l-operazzjonijiet, jew inkella ma jkollu l-ebda alternattiva realistika ħliel li jagħmel dan.

3.1.4. Dawk inkarigati mill-governanza huma responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-JUs.

Ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

3.1.5. L-objettivi tagħna huma li niksbru aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet tal-JUs ikunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiegx garanzija li awditu dejjem se jaqbad dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi li l-utenti jieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet.

3.1.6. Għad-dħul, aħna niverifikaw il-kontribuzzjonijiet li jiġu riċevuti mingħand il-Kummissjoni, sħab oħra jew il-pajjiżi parteċipanti u nivvalutaw il-proċeduri adottati mill-JUs għall-għbir ta' introjtu ieħor, jekk ikun il-każ.

3.1.7. Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi) minbarra pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jsiru. Il-pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati meta r-riċevitur tal-fondi jipprovdi ġustifikazzjoni għall-użu xieraq tagħhom u impriża konġunta taċċetta l-ġustifikazzjoni billi tapprova l-pagament bil-quddiem, sew jekk fl-istess sena u sew jekk aktar tard.

3.1.8. F'konformità mal-ISAs u l-ISSAIs, aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nmanntnu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Barra minn hekk, aħna:

- Nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball, infasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbru evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna. Ir-riskju li ma jinqabdux dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huwa ogħla mir-riskju li dawn ma jinqabdux meta jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi tista' tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew li jinqabżu l-kontroll interni.
- Niksbru fehim tal-kontrolli interni rilevanti għall-awditu sabiex infasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa fiċ-ċirkustanzi, iżda mhux bl-iskop li nagħtu opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern.

- Nevalwaw l-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru mill-maniġment.
- Naslu għal konklużjoni dwar l-adegwatezza tal-użu mill-maniġment tal-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat u, abbażi tal-evidenza għall-awditjar miksuba, jekk tkunx teżisti inċertezza materjali relatata ma' avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità ta' impriża konġunta li tkompli bħala negozju avvjat. Jekk aħna nikkonkludu li tkun teżisti inċertezza materjali, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tal-awditur tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar miksuba sad-data tar-rapport tal-awditur tagħna. Madankollu, avvenimenti jew kundizzjonijiet futuri jistgħu jwasslu biex entità ma tkomplix bħala negozju avvjat.
- Nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet, inklużi d-divulgazzjonijiet, u jekk il-kontijiet jirrappreżentawx it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta' bażi b'mod li tinkiseb preżentazzjoni ġusta.
- Niksbu evidenza adegwata u suffiċjenti għall-awditjar dwar l-informazzjoni finanzjarja tal-JUs biex nesprimu opinjoni dwar il-kontijiet u t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aħna responsabbli għat-tmexxija, is-superviżjoni u l-prestazzjoni tal-awditu. Aħna nibgħu unikament responsabbli għall-opinjoni tal-awditjar li nagħtu.
- Inqisu x-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-JUs kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE ⁽¹³⁾, fejn dan ikun applikabbli.

3.1.9. Aħna nikkomunikaw mal-maniġment rigward, fost oħrajn, l-ambitu u t-twaqqit ippjanati tal-awditu u dwar sejbiet sinifikanti tal-awditjar, inklużi defiċjenzi sinifikanti fil-kontrolli interni li aħna nidentifikaw matul l-awditu tagħna.

3.1.10. Mill-kwistjonijiet li dwarhom aħna nkunu kkomunikajna mal-JUs, aħna niddeterminaw dawk li kienu tal-akbar sinifikat fl-awditjar tal-kontijiet tal-perjodu attwali, u li għalhekk huma l-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar. Aħna niddeskrivu dawn il-kwistjonijiet fir-rapport tal-awditur tagħna, dment li l-liġi jew ir-regolament ma jkunux jipprekludu d-divulgazzjoni pubblika dwar il-kwistjoni jew meta, f'ċirkustanzi rari ħafna, aħna niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi jekk dan isir ikunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji ta' din il-komunikazzjoni għall-interess pubbliku.

⁽¹³⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

IMPRIŻI KONĠUNTI LI JIMPLIMENTAW PROGRAMMI QAFAS TAL-UE

3.2. L-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR)

3.2.1. L-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), li tinsab fi Brussell, twaqqfet fi Frar 2007 għal perjodu ta' tmien snin ⁽¹⁴⁾ (SESAR I). F'Ġunju 2014, il-Kunsill emenda r-regolament fundatur u estenda t-tul ta' żmien tal-operat tal-Impriża Konġunta sal-31 ta' Diċembru 2024 ⁽¹⁵⁾ (SESAR 2020).

3.2.2. L-Impriża Konġunta SESAR hija sħubija pubblika-privata għall-iżvilupp u t-twaqqif tal-ġestjoni mmodernizzata tat-traffiku tal-ajru (ATM) fl-Ewropa. Il-membri fundaturi huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrapreżentata mill-Kummissjoni (DG Move), u l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru (Eurocontrol) ⁽¹⁶⁾. Wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess fl-2015, 19-il entità pubblika u privata mis-settur tal-avjazzjoni saru membri tal-Impriża Konġunta. Dawn jinkludu manifatturi ta' inġenji tal-ajru, manifatturi ta' tagħmir tal-art u tal-ajru, fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u fornituri ta' servizzi fl-ajruporti.

3.2.3. It-Tabella 1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-Impriża Konġunta ⁽¹⁷⁾.

Tabella 1

Iċ-Ċifri Ewlenin għall-Impriża Konġunta

	2018	2017
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament (miljun EUR)	94,8	90,9
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn (miljun EUR)	129,5	109,9
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ⁽¹⁾	166,3	213
Baġit disponibbli għall-impenni (miljun EUR) ⁽¹⁾	175,9	130,9
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ⁽²⁾	42	40

⁽¹⁾ Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-Impriża Konġunta reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat.

⁽²⁾ Il-persunal jinkludi uffiċjali, aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

OPINJONI**3.2.4. Aħna awditjajna:**

- il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽¹⁸⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽¹⁹⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, u
- il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir-rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1).

⁽¹⁶⁾ Il-Eurocontrol hija organizzazzjoni internazzjonali li tappartjeni għal 41 Stat Membru. L-UE ddelegat lill-Eurocontrol partijiet mir-Regolamenti tagħha dwar l-Ajru Uniku Ewropew, biex b'hekk din saret l-organizzazzjoni ċentrali għall-koordinazzjoni u għall-ippjanar tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għall-Ewropa kollha. L-UE nfisha hija firmatarja tal-Eurocontrol u l-Istati Membri kollha tal-UE huma membri tagħha.

⁽¹⁷⁾ Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.sesarju.eu.

⁽¹⁸⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽¹⁹⁾ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti, li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.2.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

*Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet***Dħul**

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.2.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.2.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.2.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

Osservazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ta' SESAR I

3.2.9. F'Diċembru 2016, il-programm SESAR I ingħalaq formalment u l-aħħar pagament tal-għotjiet sar f'Diċembru 2017.

3.2.10. It-Tabella 2 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għal SESAR I fi tmiem l-2018.

Tabella 2

Kontribuzzjonijiet mill-membri għal SESAR I*(f'miljun EUR)*

Membri	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)				
	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura, ivalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivalidati	In natura, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DG Move)	700,0	M/A	700,0	634,1	0,0	0,0	M/A	634,1
Eurocontrol	700,0	M/A	700,0	137,8	422,9	0,0	M/A	560,7
Membri tal-industrija	584,3	M/A	584,3	25,5	513,6	0,0	M/A	539,1
Total	1 984,3	M/A	1 984,3	797,4	936,5	0,0	M/A	1 733,9

⁽¹⁾ L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux fl-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: Data pprovduta mill-JUs.

3.2.11. Approprijazzjonijiet ta' pagament mhux użati ta' EUR 40 miljun mis-snin preċedenti ġew riportati għall-2018 għar-rimborż tal-kontribuzzjonijiet żejda fi flus kontanti riċevuti mill-membri tal-industrija ta' SESAR I ⁽²⁰⁾ u għall-pagament ta' klejms għall-ispejjeż li ġew ippreżentati tard iżda li xorta kienu ġġustifikati għall-proġetti taħt l-FP7 u t-TEN-T. Madankollu, fi tmiem l-2018, EUR 1,8 miljun (5 %) biss minn dawn l-approprijazzjonijiet setgħu jintużaw għal pagamenti korrettivi bħal dawn, EUR 20 miljun (50 %) kellihom jiġu kkanċellati, u EUR 18,2 miljun (45 %) ġew riportati għall-2019.

3.2.12. Fi tmiem l-2018, fil-fażi tal-għeluq tal-programm SESAR I, l-Impriża Konġunta kienet għadha qed turi ammont kbir ta' impenji miftuħa (obbligazzjonijiet ta' pagament) ta' EUR 61,4 miljun. Billi l-programm ingħalaq fi tmiem l-2016 u l-aħħar pagament ta' għotja sar fi tmiem l-2017, dawn ir-riżorsi li ġew allokati għall-Impriża Konġunta mhumiex se jintużaw kompletament.

Osservazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR 2020

3.2.13. It-Tabella 3 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għal SESAR 2020 fi tmiem l-2018.

Tabella 3

Kontribuzzjonijiet mill-membri għal SESAR 2020

(f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)				
	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura, ivvalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	In natura, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DG Move)	585,0	M/A	585,0	216,9	0,0	0,0	M/A	216,9
Eurocontrol	500,0	M/A	500,0	11,9	59,6	60,1	M/A	131,6
Membri tal-industrija	500,0	M/A	500,0	2,5	54,6	60,1	M/A	117,2
Total	1 585,0	M/A	1 585,0	231,3	114,2	120,2	M/A	465,7

⁽¹⁾ L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux fl-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

3.2.14. Fi tmiem l-2018, l-Impriża Konġunta implimentat 81 % u 61 % rispettivament tal-approprijazzjonijiet ta' impenn u l-approprijazzjonijiet ta' pagament li kienu disponibbli għall-proġetti taħt il-programm Orizzont 2020, u kkanċellat madwar EUR 44,6 miljun (35 %) tal-approprijazzjonijiet ta' pagament disponibbli għal Orizzont 2020.

3.2.15. Ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni u r-rata għolja ta' kanċellazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' pagament taħt Orizzont 2020 disponibbli fl-2018 kienu prinċipalment dovuti għall-fatt li l-Impriża Konġunta tuża:

- ippjanar konservattiv għall-baġit, meta jitqies ir-riskju li l-ftehimiet ta' delega annwali relatati mal-implimentazzjoni finanzjarja jaslu tard;
- approċċ fl-ippjanar u l-monitoraġġ tal-baġit, li ma jhux kont sħiħ tal-ammont ta' approprijazzjonijiet ta' pagament mhux użati mis-snin preċedenti, li jkunu reġgħu ddaħħlu fil-baġit tas-sena.

Osservazzjoni dwar il-kontrolli interni

3.2.16. L-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. Għal pagamenti *interim* u finali taħt l-FP7, l-Impriża Konġunta twettaq awditi *ex post* għand il-benefiċjarji, filwaqt li għal pagamenti taħt Orizzont 2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post*. Ir-rati tal-iżball residwu għall-awditi *ex post* li ġew irrappurtati mill-Impriża Konġunta fi tmiem l-2018 kienu ta' 1,29 % għall-FP7 u ta' 1,33 % għal Orizzont 2020 ⁽²¹⁾.

⁽²⁰⁾ L-Artikoli 13 u 25 tal-istatuti tal-Impriża Konġunta SESAR, annessi mar-Regolament (KE) Nru 219/2007 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 721/2014 u l-Artikolu 4 tal-ftehimiet individwali tal-Impriża Konġunta mal-membri tal-industrija.

⁽²¹⁾ Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2018 tal-Impriża Konġunta SESAR, il-punti 173 u 176.

Osservazzjoni dwar ġestjoni finanzjarja tajba u dwar il-prestazzjoni

3.2.17. B'segwitu għall-ftehim ta' delega mad-DĠ Move, f'Jannar 2018 l-Impriża Konġunta SESAR niedet sejħa miftuħa għal proposti għal studji u dimostrarazzjonijiet dwar il-ġestjoni tat-traffiku tad-droni fl-Ewropa (U-Space Call). L-ammont massimu tal-għotja, li kien EUR 9,5 miljun, ġie ffinanzjat permezz tal-fond tal-FNE tal-Kummissjoni. Filwaqt li b'mod ġenerali, il-kriterji tal-għoti għas-sejħa rrispettaw l-orjentazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament FNE, aħna osservajna ħafna trikkib u bosta inkonsistenzi fost dawn il-kriterji u s-subkriterji tagħhom. Din is-sitwazzjoni tista' tqiegħed f'riskju l-effettività ġenerali tal-proċess ta' evalwazzjoni tal-għotjiet u trid tiġi indirizzata fil-fażi tat-tfassil u t-tnejjija tas-sejħa.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.2.18. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-Anness.

ANNEX

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddeġja / Pendenti / M/A)
2017	<p>Ir-rati ta' implimentazzjoni għal approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għal SESAR I kienu ta' 11 % u 68 %, rispettivament. Ir-rati baxxi ta' implimentazzjoni għal SESAR I kienu kkawżati mill-fatturi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — F'Diċembru 2016, il-programm SESAR I ingħalaq formalment u l-aħħar pagament sar f'Diċembru 2017. Minkejja dan, sa tmiem l-2017, l-Impriża Konġunta kellha tiżgura li kellha fondi suffiċjenti taħt l-FP7 għar-rimborż tal-kontribuzzjonijiet żejda fi flus kontanti li hija rċeviet mill-membri tal-industrija ta' SESAR I u għall-pagament ta' klejms għall-ispejjeż li ġew ippreżentati tard iżda li xorta kienu ġġustifikati għal proġetti taħt l-FP7 li kienu għadhom għaddeġjin. — Fl-ippjanar u l-monitoraġġ tal-ħtieġa tagħha għal approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament ġodda għall-baġit ta' SESAR I, l-Impriża Konġunta ħadet approċċ konservattiv u ma kinitx qieset id-dħul assenjat mistenni ta' madwar EUR 17-il miljun, li kien ġej minn irkupri għal proġetti ta' SESAR I (jiġifieri korrezzjonijiet ta' żbalji b'segwitu għal awditjar <i>ex post</i>, prefinanzjamenti miftuħa pendenti, eċċ.). 	Ikkompletata
2017	Fi tmiem l-2017, kienu għadhom ma ntemmewx l-iżviluppi speċifiċi meħtieġa fl-għodod komuni tal-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-għotjiet, taħt il-programm Orizzont 2020, biex dawn ikunu jistgħu jintużaw għall-ipproċessar tal-kontribuzzjonijiet <i>in natura</i> tal-Impriża Konġunta.	Ikkompletata
2017	Fi tmiem l-2017, fil-fażi ta' għeluq tal-programm SESAR I, l-Impriża Konġunta kellha tannulla EUR 30 miljun (19 %) f'impenji pendenti minħabba l-aġġustament jew il-kanċellazzjoni ta' proġetti taħt SESAR I. Konsegwentement, fi tmiem is-sena l-obbligazzjonijiet ta' pagament tal-Impriża Konġunta li kienu għadhom miftuħa għal għotjiet relatati ma' SESAR I kienu jammontaw għal madwar EUR 47 miljun.	Għadha għaddeġja
2017	Fil-proċeduri tagħha għall-akkwist ta' servizzi ta' appoġġ minn utenti ċivili tal-ispazju tal-ajru rigward l-attivitatiet ta' SESAR 2020, l-Impriża Konġunta użat bħala l-punteġġ finanzjarju l-medja sempliċi (arimetika) tal-offerti finanzjarji li hija rċeviet għar-rati ta' kuljum tal-kategoriji ta' esperti. L-istess approċċ ġie applikat għal-lottijiet kollha. Fil-fatt, l-użu ta' medja ponderata għall-kalkolu tal-punteġġ finanzjarju kien ikun soluzzjoni aktar kompetittiva u effettiva. Jenħtieġ li l-ponderazzjoni tkun ibbażata fuq l-għadd l-aktar probabbli ta' jiem ta' xogħol għal kull kategorija ta' esperti meħtieġa għas-servizzi speċifiċi tal-lott.	Ikkompletata
2017	L-awditur estern tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta osserva xi nuqqasijiet fil-proċessi relatati mal-kontroll finanzjarju tagħha. Din is-sitwazzjoni hija prinċipalment dovuta għall-qafas regolatorju finanzjarju kumpless li taħtu trid topera l-Impriża Konġunta, kif ukoll għat-tluq reċenti ta' membri ewlenin tal-persunal inkarigati mill-finanzi u għall-ammont eċċessiv ta' xogħol li konsegwentement irriżulta fid-dipartiment tal-finanzi.	Ikkompletata
2017	B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Impriża Konġunta ġie adottat mill-Bord Amministrattiv tas-SESAR f'Mejju 2018. Il-pjan ta' azzjoni jinkludi sett wiesa' ta' azzjonijiet li jridu jiġu implimentati mill-Impriża Konġunta. Għal xi wħud minnhom diġà nbdew ċerti attivitatiet, li l-maġġoranza tagħhom huma mistennja li jiġu implimentati fl-2018 u fl-ewwel tliet xhur tal-2019, filwaqt li wħud minnhom se jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.	Għadha għaddeġja

Risposta tal-Impriża Konġunta

3.2.12. Ta' min jinnota f'dan il-kuntest li r-rata ġenerali ta' implimentazzjoni tal-programm tal-programm SESAR 1 tilħaq 89,9 %.

3.2.15. L-impriża Konġunta SESAR tixtieq tenfasizza li l-approċċ meħud rigward l-approprijazzjonijiet ta' pagamenti mhux użati mis-snin preċedenti huwa konsegwenza diretta tal-qafas finanzjarju li fih l-Impriża Konġunta hija obbligata li topera.

3.2.17. L-impriża Konġunta SESAR tixtieq tenfasizza li s-sejħa U-Space ġiet organizzata b'konformità sħiħa kemm mar-rekwiżiti kif ukoll mal-aħjar prattiki speċifiċi għas-CEF. Dan ġie żgurat permezz ta' kollaborazzjoni estensiva mal-INEA matul it-tnejn tas-sejħa. Barra minn hekk, kwalunkwe riskju potenzjali ta' interpretazzjoni mhux omoġenja tas-sottokriterji ta' evalwazzjoni ġie kompletament mitigat qabel il-bidu tal-evalwazzjoni. Fil-fatt, ġew organizzati laqgħat ta' informazzjoni minn esperti qabel l-evalwazzjoni biex jiġi evitat nuqqas ta' fehim li jista' jwassal għal suppożizzjonijiet u evalwazzjonijiet żbaljati

3.3. L-Impriża Konġunta “Clean Sky” (Clean Sky)

Introduzzjoni

3.3.1. L-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta fl-Ajrunawtika (l-Impriża Konġunta “Clean Sky”) li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Diċembru 2007 taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7) għal perjodu ta' 10 snin ⁽²²⁾ (“Clean Sky 1”). Fis-6 ta' Mejju 2014, il-Kunsill estenda t-tul ta' żmien tal-operat tal-Impriża Konġunta għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024 ⁽²³⁾ (Clean Sky 2).

3.3.2. L-Impriża Konġunta “Clean Sky” hija sħubija pubblika-privata għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-ajrunawtika. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta taħt ir-regolament il-ġdid huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni (DG RTD), u membri privati li jikkonsistu mill-Mexxejja u l-Assoċjati industrijali tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata (ITDs), tal-Pjattaformi ta' Dimostrazzjoni ta' Mezzi tal-Ajru Innovattivi (IADPs) u tal-Oqsma Trasversali (TAs). Barra minn hekk, l-Impriża Konġunta tikkooopera ma' “sħab ewlenin” industrijali magħżula permezz ta' sejħiet miftuħa u kompetittivi ⁽²⁴⁾. Dawn is-sħab ingħataw status ta' membri privati taħt ir-Regolament Fundatur tal-Clean Sky 2.

3.3.3. It-Tabella 1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-Impriża Konġunta ⁽²⁵⁾.

Tabella 1

Iċ-Ċifri Ewlenin għall-Impriża Konġunta

	2018	2017
Baġit f'approprazzjonijiet ta' pagament (miljun EUR)	336,4	203
Baġit f'approprazzjonijiet ta' impenn (miljun EUR)	294,6	201,1
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ⁽¹⁾	343,8	243,7
Baġit disponibbli għall-impenni (miljun EUR) ⁽¹⁾	371,1	313,6
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ⁽²⁾	40	41

⁽¹⁾ Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-Impriża Konġunta reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat.

⁽²⁾ Il-persunal jinkludi uffiċjali, aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

OPINJONI

3.3.4. Aħna awditajjna:

- il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽²⁶⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽²⁷⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, u
- il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

⁽²²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 1).

⁽²³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 77).

⁽²⁴⁾ Fl-2008, 16-il Mexxej u 66 Assoċjat ingħaqdu mal-ewwel fażi tal-Impriża Konġunta “Clean Sky” (il-programm “Clean Sky 1”). F'konformità mal-Artikolu 4(6) tal-Istatuti annessi mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014, l-Assoċjati taħt il-programm “Clean Sky 1” iżommu l-istatus tagħhom sal-ikkompletar tal-attivitatiet ta' riċerka tagħhom u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017. Fl-2017, wara l-ikkompletar tar-raba' Sejħa għal Sħab ewlenin li tnediet fl-2016, l-Impriża Konġunta għalqet il-prċedura tal-għażla u tal-adeżjoni għas-sħubija b'total ta' aktar minn 230 entità ġuridika involuti fil-programm Clean Sky 2. Din tinkludi 16-il Mexxej flimkien mal-entitajiet assoċjati u l-partijiet terzi relatati tagħhom, kif ukoll is-Sħab Ewlenin magħżula flimkien mal-entitajiet assoċjati u l-partijiet terzi relatati tagħhom.

⁽²⁵⁾ Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitatiet tal-Impriża Konġunta hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.cleansky.eu

⁽²⁶⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽²⁷⁾ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti, li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.3.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

*Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet***Dħul**

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.3.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.3.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.3.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

Osservazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta "Clean Sky 1"

3.3.9. It-Tabella 2 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għal Clean Sky 1 fi tmiem l-2018.

Tabella 2

Kontribuzzjonijiet mill-membri għal "Clean Sky 1"

(f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)				Total
	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura, ivalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivalidati	In natura, għal attivitajiet addizzjonali	
UE (DĠ RTD)	800,0	M/A	800,0	800,0	0,0	0,0	M/A	800,0
Membri tal-industrija	600,0	M/A	600,0	14,9	594,1	-0,7	M/A	608,3
Total	1 400,0	M/A	1 400,0	814,9	594,1	-0,7	M/A	1 408,3

⁽¹⁾ L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux fl-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

3.3.10. Il-programm FP7 tal-Impriża Konġunta ngħalaq formalment fl-2017 b'livell ta' implimentazzjoni ta' madwar 100 %. Fl-2018, l-Impriża Konġunta xorta waħda għamlet irkupri ta' madwar EUR 0,85 miljun li oriġinaw minn prefinanzjamenti pendenti u riżultati tal-awditjar *ex post*.

Osservazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2

3.3.11. It-Tabella 3 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għal Clean Sky 2 fi tmiem l-2018.

Tabella 3

Kontribuzzjonijiet mill-membri għal Clean Sky 2

(f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)				
	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura, iinvalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux iinvalidati	In natura, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ RTD)	1 755,0	0,0	1 755,0	816,7	0,0	0,0	0,0	816,7
Membri tal-industrija	1 228,5	965,3	2 193,8	14,1	273,9	157,6	801,7	1 247,3
Total	2 983,5	965,3	3 948,8	830,8	273,9	157,6	801,7	2 064,0

⁽¹⁾ L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux fl-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

3.3.12. Ir-rati ta' implimentazzjoni għall-baġit tal-Impriża Konġunta disponibbli għall-2018 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u approprjazzjonijiet ta' pagament kienu għoljin f'livell ta' 99,2 % u ta' 97,3 % rispettivament.

Osservazzjoni dwar il-kontrolli interni

3.3.13. L-Impriża Konġunta Clean Sky 2 stabbiliet proċeduri ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analizzjiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. Għall-pagamenti *interim* u dawk finali taħt l-FP7, l-Impriża Konġunta twettaq awditi *ex post* għand il-benefiċjarji, filwaqt li għal klejms għall-ispejjeż ta' proġetti taħt Orizzont 2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post*. Ir-rati tal-iżball residwu għall-awditi *ex post* li ġew irrappurtati mill-Impriża Konġunta fi tmiem l-2018 kienu ta' 1,21 % għall-FP7 u ta' 1,11 % għal Orizzont 2020 ⁽²⁸⁾.

Osservazzjoni dwar kwistjonijiet oħra

3.3.14. Fl-2017 u l-2018, ir-rati ta' dawran tal-persunal fl-Impriża Konġunta kienu għoljin kemm għall-aġenti temporanji kif ukoll għal dawk kuntrattwali. Għall-persunal temporanju, ir-rata ta' dawran żdiedet b'mod sinifikanti fl-2018, sa kważi 17 %, billi erba' uffiċjali ta' proġetti telqu mill-Impriża Konġunta. Fl-2018, l-użu tas-servizzi ta' persunal *interim* kważi rdoppja.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.3.15. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-*Anness*.

⁽²⁸⁾ L-abbozz tar-Rapport Annwali tal-Attività 2018 tal-Impriża Konġunta "Clean Sky", il-paġni 99-100.

ANNEX

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2017	Fi tmiem l-2018, kienu għadhom ma ntemmewx l-iżviluppi speċifiċi meħtieġa fl-għodod komuni tal-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-għotjiet, taħt il-programm Orizzont 2020, biex dawn ikunu jistgħu jintużaw għall-ipproċessar tal-kontribuzzjonijiet <i>in natura</i> tal-Impriża Konġunta.	Ikkompletata
2017	B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, l-Impriża Konġunta ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie approvat mill-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta f'April 2018. Il-pjan ta' azzjoni jinkludi sett wiesa' ta' azzjonijiet li jridu jiġu implimentati mill-Impriża Konġunta. Għal xi wħud minnhom diġà nbdew ċerti attivitajiet, filwaqt li l-bqija huma mistennija li jiġu implimentati fl-2018, jew fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.	Ikkompletata

Risposta tal-Impriża Konġunta

L-Impriża Konġunta ħadet nota tar-rapport tal-Qorti.

3.4. L-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi (IMI)

Introduzzjoni

3.4.1. L-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi, li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Diċembru 2007 ⁽²⁹⁾ għal perjodu ta' 10 snin (IMI 1). F'Mejju 2014, il-Kunsill adotta Regolament fundatur ġdid li estenda t-tul ta' żmien tal-operat tal-Impriża Konġunta sal-31 ta' Diċembru 2024 ⁽³⁰⁾ (IMI 2).

3.4.2. L-Impriża Konġunta IMI hija sħubija pubblika-privata li ttwettaq riċerka u innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni (DG RTD), u s-settur farmaċewtiku, irrappreżentat mill-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi (EFPIA).

3.4.3. It-Tabella 1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-Impriża Konġunta ⁽³¹⁾.

Tabella 1

Iċ-Ċifri Ewlenin għall-Impriża Konġunta

	2018	2017
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament (miljun EUR)	179,6	153,4
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn (miljun EUR)	275,6	187,9
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ⁽¹⁾	235,9	206,4
Baġit disponibbli għall-impenni (miljun EUR) ⁽¹⁾	485,5	322,4
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ⁽²⁾	48	49

⁽¹⁾ Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-Impriża Konġunta reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat.

⁽²⁾ Il-persunal jinkludi uffiċjali, aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

OPINJONI

3.4.4. Aħna awditajna:

- il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³²⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽³³⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, u
- il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

⁽²⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 38).

⁽³⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54).

⁽³¹⁾ Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitatiet tal-Impriża Konġunta hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.imi.europa.eu

⁽³²⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽³³⁾ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

Affidabbiltà tal-kontijiet**Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

3.4.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**Dħul****Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet**

3.4.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti**Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

3.4.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.4.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

Osservazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta IMI 1

3.4.9. It-Tabella 2 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għal IMI 1 fi tmiem l-2018.

Tabella 2

Kontribuzzjonijiet mill-membri għal IMI 1

(f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)				Total
	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura, ivvalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	In natura, għal attivitajiet addizzjonali	
UE (DĠ RTD)	1 000,0	M/A	1 000,0	916,0	0,0	0,0	M/A	916,0
Membri tal-industrija	1 000,0	M/A	1 000,0	21,9	633,3	80,6	M/A	735,8
Total	2 000,0	M/A	2 000,0	937,9	633,3	80,6	M/A	1 651,8

⁽¹⁾ L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux fl-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

3.4.10. Għall-baġit 2018 tal-Impriża Konġunta, disponibbli għall-proġetti taħt l-FP7, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 88 %.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta IMI 2

3.4.11. It-Tabella 3 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għal IMI 2 fi tmiem l-2018.

Tabella 3

Kontribuzzjonijiet mill-membri għal IMI 2

(f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)				
	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura, ivvalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	In natura, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DĠ RTD)	1 638,0	M/A	1 638,0	241,9	0,0	0,0	M/A	241,9
EFPIA	1 425,0	M/A	1 425,0	10,8	128,0	83,9	M/A	222,7
Sħab Assoċjati	0,0	M/A	0,0	2,7	2,5	0,0	M/A	5,2
Total	3 063,0	M/A	3 063,0	255,4	130,5	83,9	M/A	469,8

⁽¹⁾ L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux fl-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

3.4.12. Għall-baġit 2018 tal-Impriża Konġunta, disponibbli għall-proġetti taħt Orizzont 2020, ir-rati ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u l-appropriazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 100 % u ta' 87 %, rispettivament.

3.4.13. Fi tmiem l-2018, l-appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-snin preċedenti kienu jammontaw għal EUR 56,1 miljun. Konsegwentement, f'Diċembru 2018, il-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta approva emenda għall-baġit sabiex inaqqas b'EUR 36,3 miljun l-appropriazzjonijiet ta' pagament il-ġodda tas-sena ⁽³⁴⁾. Filwaqt li meta mqabbla mas-sena preċedenti s-sitwazzjoni tjiebet b'segwitu għall-implimentazzjoni ta' bosta miżuri korrettivi mill-Impriża Konġunta IMI, id-dgħufijiet rigward l-ippjanar u l-monitoraġġ tal-ħtieġa għal appropriazzjonijiet ta' pagament ġodda baqgħu jippersistu.

Osservazzjoni dwar il-kontrolli interni

3.4.14. L-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. Għall-pagamenti *interim* u dawk finali taħt l-FP7, l-Impriża Konġunta twestaq awditi *ex post* fil-bini tal-benefiċjarji, filwaqt li għal klejms għall-ispejjeż ta' proġetti taħt Orizzont 2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post*. Ir-rati tal-iżball residwu għall-awditi *ex post* li ġew irrappurtati mill-Impriża Konġunta fi tmiem l-2018 kienu ta' 0,87 % għall-FP7 u ta' 0,67 % għal Orizzont 2020 ⁽³⁵⁾.

Kwistjonijiet oħra

3.4.15. Fl-2018, ir-rata ta' dawran tal-persunal fl-Impriża Konġunta kienet għolja b'medja ta' madwar 21 %, u kienet partikolarment għolja għall-aġenti kuntrattwali flivell ta' madwar 60 %. Is-sitwazzjoni marret għall-aġar minħabba tmien każijiet ta' liv fit-tul minħabba mard li erbgħa minnhom kienu każijiet ġodda fl-2018. B'riżultat ta' dan, nofs biss mill-persunal tal-Impriża Konġunta kien stabbli fl-2018, li żied ir-riskju li l-oġettivi operazzjonali tal-Impriża Konġunta ma jintlaħqux kif kien ippjanat. Sabiex tegħleb din il-problema tal-persunal fl-2018, l-Impriża Konġunta għamlet użu minn persunal *interim* li kien jirrappreżenta 9,6 % tat-total tal-persunal tagħha.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.4.16. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-*Anness*.

⁽³⁴⁾ It-tielet emenda għall-Baġit 2018 ġiet approvata fil-5 ta' Diċembru 2018.

⁽³⁵⁾ Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2018 tal-Impriża Konġunta IMI, pp. 107-108.

ANNEX

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddeja / Pendenti / M/A)
2017	Fi tmiem l-2017, iċ-Ċentru ta' Appoġġ Komuni tal-Kummissjoni kien għadu ma temmx l-iżviluppi speċifiċi meħtieġa fl-għodod għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-għotjiet taħt Orizzont 2020 u biex dawn ikunu jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet ta' rappurtar u pproċessar tal-Impriża Konġunta għal kontribuzzjonijiet <i>in natura</i> .	Ikkompletata
2017	Lejn tmiem l-2017, l-appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-snin preċedenti kienu jammontaw għal EUR 78,7 miljun. Konsegwentement, fl-Lulju 2017, il-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta approva li jnaqqas b'EUR 56 miljun l-appropriazzjonijiet il-ġodda ta' pagament operazzjonali tas-sena, u fl-Novembru 2017 approva li jnaqqas b'EUR 25,8 miljun l-appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati li ġew akkumulati mis-snin preċedenti. Din is-sitwazzjoni turi li, matul dawn l-aħħar snin, kien hemm dgħufijiet fl-ppjanar u l-monitoraġġ tal-ħtieġa għal appropriazzjonijiet ġodda ta' pagament.	Għadha għaddeja
2017	B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, l-Impriża Konġunta ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie approvat mill-Bord ta' Tmexxija tal-IMI 2 fl-Novembru 2017. Il-pjan ta' azzjoni jinkludi sett wiesa' ta' azzjonijiet li jridu jiġu implimentati mill-Impriża Konġunta. Għal xi wħud minnhom diġà nbdew ċerti attivitajiet, li l-maġġoranza tagħhom huma mistennija li jiġu implimentati fl-2018 u l-2019, filwaqt li għadd żgħir minnhom se jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.	Għadha għaddeja

Risposta tal-Impriża Konġunta

L-Impriża Konġunta ħadet nota tar-rapport tal-Qorti.

3.5. L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH)

Introduzzjoni

3.5.1. L-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (l-Impriża Konġunta FCH), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Mejju 2008 għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017 ⁽³⁶⁾ (FCH 1). F'Mejju 2014, il-Kunsill estenda t-tul ta' żmien tal-operat tal-Impriża Konġunta għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024 ⁽³⁷⁾ (FCH 2).

3.5.2. L-Impriża Konġunta FCH hija sħubija pubblika-privata fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li tirrigwarda t-teknoloġija tal-idroġenu u ċ-ċelloli tal-fjuwil. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea (UE), ir-rappreżentata mill-Kummissjoni, ir-Raggruppament għall-Industrija (Hydrogen Europe) u r-Raggruppament għar-Riċerka (Hydrogen Europe Research).

3.5.3. It-Tabella 1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-Impriża Konġunta ⁽³⁸⁾.

Tabella 1
Iċ-Ċifri Ewlenin għall-Impriża Konġunta

	2018	2017
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament (miljun EUR)	102,4	179,4
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn (miljun EUR)	79,8	98,5
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ⁽¹⁾	126,5	198,6
Baġit disponibbli għall-impenni (miljun EUR) ⁽¹⁾	85,5	127,8
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ⁽²⁾	27	26

⁽¹⁾ Il-baġit disponibbli jinkludi l-appropriazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-Impriża Konġunta reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat.

⁽²⁾ Il-persunal jinkludi uffiċjali, aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

OPINJONI

3.5.4. Aħna awditajna:

- il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁹⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁰⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, u
- il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati daww il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

⁽³⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1).

⁽³⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108).

⁽³⁸⁾ Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitatiet tal-Impriża Konġunta hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.fch.europa.eu.

⁽³⁹⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁰⁾ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.5.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

*Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet***Dħul**

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.5.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.5.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.5.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

Osservazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta FCH 1

3.5.9. It-Tabella 2 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għal FCH 1 fi tmiem l-2018.

Tabella 2

Kontribuzzjonijiet mill-membri għal FCH 1

(f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)				Total
	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura, ivalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivalidati	In natura, għal attivitajiet addizzjonali	
UE (DĠ RTD)	470,0	M/A	470,0	402,2	19,1	0,0	M/A	421,3
Membri tal-industrija	470,0	M/A	470,0	17,9	420,0	4,6	M/A	442,5
Total	940,0	M/A	940,0	420,1	439,1	4,6	M/A	863,8

⁽¹⁾ L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux fl-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

3.5.10. Għall-baġit 2018 tal-Impriża Konġunta, disponibbli għall-proġetti taħt l-FP7, ir-rata ta' implimentazzjoni għal approprazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 79,6 %, minħabba dewmien fil-preżentazzjoni ta' klejms għall-ispejjeż għall-proġetti taħt l-FP7 li kienu għadhom għaddejjin.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta FCH 2

3.5.11. It-Tabella 3 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għal FCH 2 fi tmiem l-2018.

Tabella 3

Kontribuzzjonijiet mill-membri għal FCH 2

(f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)				
	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura, ivalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivalidati	In natura, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DG RTD)	665,0	0,0	665,0	318,8	0,0	0,0	0,0	318,8
Membri tal-industrija	95,0	285,0	380,0	3,6	1,8	7,7	636,3	649,4
Total	760,0	285,0	1 045,0	322,4	1,8	7,7	636,3	968,2

⁽¹⁾ L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux fl-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

3.5.12. Il-livell baxx ta' kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali min-naħa tal-membri tal-industrija huwa dovut għall-fatt li l-Impriża Konġunta tiċċertifikahom flimkien mal-klejms finali għall-ispejjeż. Għaldaqstant, iċ-ċertifikazzjoni tal-biċċa l-kbira mill-kontribuzzjonijiet *in natura* impenjati se ssir aktar tard fil-programm Orizzont 2020, meta jsir il-pagament finali għall-proġetti u meta ċ-ċertifikati relatati mar-rapport finanzjarju (CFS) ikunu dovuti.

3.5.13. Għall-baġit 2018 tal-Impriża Konġunta, disponibbli għall-proġetti taħt Orizzont 2020, ir-rati ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u l-appropriazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 95,8 % u ta' 84,4 %, rispettivament.

Osservazzjonijiet dwar il-kontrolli interni

3.5.14. L-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. Għall-pagamenti *interim* u dawk finali taħt l-FP7, l-Impriża Konġunta twettaq awditi *ex post* għand il-benefiċjarji, filwaqt li għal klejms għall-ispejjeż ta' proġetti taħt Orizzont 2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post*.

3.5.15. Ir-rati tal-iżball residwu għall-awditi *ex post* li ġew irrappurtati mill-Impriża Konġunta fi tmiem l-2018 kienu ta' 1,10 % għall-FP7 u ta' 0,46 % għal Orizzont 2020 ⁽⁴¹⁾.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.5.16. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-Anness.

⁽⁴¹⁾ Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2018 tal-Impriża Konġunta FCH, p. 89.

ANNEX

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejjja / Pendenti / M/A)
2017	B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, l-Impriża Konġunta ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie approvat mill-Bord ta' Tmexxija tal-FCH 2 f'Marzu 2018. Il-pjan ta' azzjoni jinkludi sett wiesa' ta' azzjonijiet li jridu jiġu implimentati mill-Impriża Konġunta. Għal xi wħud minnhom diġà nbdeu ċerti attivitajiet, li l-maġġoranza tagħhom huma mistennija li jiġu implimentati fl-2018 u l-2019, filwaqt li għadd żgħir minnhom se jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.	Għadha għaddejjja

Risposta tal-Impriża Konġunta

L-Impriża Konġunta ħadet nota tar-rapport tal-Qorti.

3.6. L-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL)

Introduzzjoni

3.6.1. L-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi għal Tmexxija Ewropea (ECSEL), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Mejju 2014 ⁽⁴²⁾ għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024. L-Impriża Konġunta ECSEL ssostitwiet u kienet is-suċċessur tal-Impriżi Konġunti ENIAC u ARTEMIS, li nġhalqu fis-26 ta' Ġunju 2014. L-Impriża Konġunta ECSEL bdiet topera b'mod awtonomu fis-27 ta' Ġunju 2014.

3.6.2. L-Impriża Konġunta ECSEL hija sħubija pubblika-privata fir-riċerka tan-nanoelettronika u tas-sistemi informatiċi inkorporati. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni (DG CONNECT), l-Istati Parteċipanti fl-ECSEL ⁽⁴³⁾, u tliet assoċjazzjonijiet tal-industrija (AENEAS, ARTEMISIA u EPoSS) li jirrappreżentaw kumpaniji u organizzazzjonijiet ta' riċerka attivi fl-oqasma tas-sistemi inkorporati u ċiberfiżiċi, l-integrazzjoni tas-sistemi intelliġenti u l-mikro u n-nanoelettronika.

3.6.3. It-Tabella 1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-Impriża Konġunta ⁽⁴⁴⁾.

Tabella 1

Iċ-Ċifri Ewlenin għall-Impriża Konġunta

	2018	2017
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament (miljun EUR)	290,1	287,7
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn (miljun EUR)	187,3	177,3
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ⁽¹⁾	310,6	290,1
Baġit disponibbli għall-impenni (miljun EUR) ⁽¹⁾	194,2	183,9
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ⁽²⁾	30	30

⁽¹⁾ Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-Impriża Konġunta reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat.

⁽²⁾ Il-persunal jinkludi aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

OPINJONI

3.6.4. Aħna awditajna:

- il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁴⁵⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁶⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, u
- il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

⁽⁴²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152).

⁽⁴³⁾ L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Iżrael, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, it-Turkija u r-Renju Unit.

⁽⁴⁴⁾ Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.ecsel.eu

⁽⁴⁵⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁶⁾ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

Affidabbiltà tal-kontijiet**Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

3.6.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**Dħul****Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet**

3.6.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti**Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

3.6.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.6.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit taħt l-FP7

3.6.9. Fi tmiem l-2018, l-UE kkontribwiet EUR 637,6 miljun mill-fond tal-FP7 għall-kofinanzjament tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta ECSEL taħt dan il-programm (dawn l-attivitajiet ġew ittrasferiti mill-Impriżi Konġunti ARTEMIS u ENIAC), kif ukoll EUR 17,9 miljun oħra għall-kofinanzjament tal-ispejjeż amministrattivi relatati. L-impenn akkumulat għall-attivitajiet operazzjonali taħt l-FP7 kienu jammontaw għal EUR 606 miljun (EUR 172 miljun minn ARTEMIS u EUR 434 miljun minn ENIAC). Il-pagamenti relatati kienu jammontaw għal EUR 529 miljun (EUR 156 miljun minn ARTEMIS u EUR 373 miljun minn ENIAC). Billi l-programm ingħalaq fi tmiem l-2017, hemm riskju li r-riżorsi li ġew allokati għall-Impriża Konġunta mhumiex se jintużaw kompletament.

3.6.10. Għall-appropriazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 98 miljun disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2018 għal proġetti taħt l-FP7, ir-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 42%. Din ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni kienet prinċipalment dovuta għad-dewmien min-naħa tal-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Finanzjament (NFA) biex jipprovdur ċertifikati ta' tmiem tal-proġetti għall-attivitajiet taħt l-FP7 li kienu għadhom għaddejjin.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ta' Orizzont 2020

3.6.11. It-Tabella 2 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għall-Impriża Konġunta ECSEL fi tmiem l-2018.

Tabella 2

Kontribuzzjonijiet mill-membri għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta ECSEL taħt il-programm Orizzont 2020

(f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)				
	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura, ivvalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	In natura, għal attivitajiet addizzjonali	Total
UE (DG CONNECT)	1 185,0	M/A	1 185,0	512,0	0,0	0,0	M/A	512,0
Membri tal-industrija	1 657,5	M/A	1 657,5	11,3	0,0	694,1	M/A	705,4
Total	2 842,5	M/A	2 842,5	523,3	0,0	694,1	M/A	1 217,4

⁽¹⁾ L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux fl-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

3.6.12. It-30 Stat Parteċipant fl-ECSEL huma meħtieġa jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' mill-inqas EUR 1 170 miljun għall-attivitajiet operazzjonali tal-Impriża Konġunta ECSEL ⁽⁴⁷⁾. Fi tmiem l-2018, l-Istati Parteċipanti li ħadu sehem fis-sejthiet għal proposti tal-2014, l-2015, 2016 u l-2017–19, 21, 24 u 18-il Stat rispettivament — għamli impenji li ammontaw għal EUR 564 miljun u pagamenti ta' EUR 178 miljun (15 % tat-total tal-kontribuzzjonijiet meħtieġa). Minkejja l-istadju bikri ta' implimentazzjoni tal-proġetti taħt Orizzont 2020, il-livell baxx ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti huwa relatat mal-fatt li xi wħud minnhom ma jirrikonoxxux u ma jirrapportawx l-ispejjeż tagħhom lill-Impriża Konġunta ECSEL fit-tmiem tal-proġetti taħt Orizzont 2020, li huma jappoġġaw.

3.6.13. L-Impriża Konġunta ECSEL tista' tikkalkula biss l-ammont reali tal-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri tal-industrija wara li tkun ivalidat il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti fi tmiem il-programm.

3.6.14. Għall-baġit 2018 tal-Impriża Konġunta, disponibbli għall-proġetti taħt Orizzont 2020, ir-rati ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u l-appropriazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 100 % u ta' 72 %, rispettivament. Ir-rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament taħt Orizzont 2020 marret għall-agħar minħabba l-kontribuzzjoni addizzjonali ta' EUR 20 miljun li l-Impriża Konġunta ECSEL irċeviet f'Diċembru 2018.

Osservazzjonijiet dwar il-kontrolli interni

3.6.15. Il-ftehimiet amministrattivi konklużi mill-Impriża Konġunta ARTEMIS u ENIAC mal-NFAs komplew japplikaw minn meta dawn l-Impriża Konġunta nqasdu flimkien biex jiffurmaw l-Impriża Konġunta ECSEL. Skont dawn il-ftehimiet, l-istrategġiji tal-awditjar *ex post* tal-Impriża Konġunta ARTEMIS u ENIAC serrħu ħafna fuq l-NFAs għall-awditjar tal-klejms għall-ispejjeż tal-proġetti ⁽⁴⁸⁾. L-Impriża Konġunta ECSEL ħadet passi biex tivvaluta l-implimentazzjoni tal-awditi *ex post* imwettqa mill-NFAs u kisbet dikjarazzjonijiet bil-miktub mingħandhom li jiddikjaraw li jistqarru li l-implimentazzjoni tal-proċeduri nazzjonali tagħhom tipprovdi aċċertament raġonevoli f'dak li jirrigwarda l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Madankollu, minħabba l-varjazzjoni sinifikanti fil-metodoloġiji u fil-proċeduri li jintużaw mill-NFAs mhuwiex possibbli li l-Impriża Konġunta ECSEL tikkalkola rata unika ta' żball ipponderata li tkun affidabbli jew rata tal-iżball residwu għall-pagamenti taħt l-FP7.

3.6.16. Għall-proġetti taħt l-FP7, il-pagamenti li saru mill-Impriża Konġunta ECSEL fl-2018 kienu jammontaw għal EUR 41 miljun (2017: EUR 76,4 miljun), li jirrappreżentaw 22 % (2017: 32 %) tal-pagamenti operazzjonali totali li saru mill-Impriża Konġunta fl-2018. Għal dawn il-pagamenti aħna applikajna r-rata tal-iżball residwu li ġiet stabbilita mid-DĠ RTD għall-programm kollu FP7, u li fi tmiem l-2018 kienet ta' 3,36 %.

3.6.17. Għall-pagamenti taħt Orizzont 2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni huwa responsabbli għall-awditi *ex post* ⁽⁴⁹⁾. Ir-rata tal-iżball residwu għall-awditi *ex post* li ġiet irrapportata mill-Impriża Konġunta fi tmiem l-2018 kienet ta' 1,15 % għal Orizzont 2020.

3.6.18. Fl-2018, il-pagament finali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz (FLS), konkluż ma' wieħed minn tliet membri tal-assoċjazzjoni tal-industrija għall-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni u servizzi għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti, sar mingħajr ma ġiet ippreżentata d-dokumentazzjoni ta' sostenn meħtieġa.

3.6.19. Fl-2018, l-Impriża Konġunta identifikat li ammont ta' aktar minn EUR 1 000 000 f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti għall-ispejjeż amministrattivi ma kienx ġie fatturat mill-Impriża Konġunta ENIAC lill-membri tal-industrija AENEAS qabel l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta ECSEL. Biex tlaħħaq man-nuqqas ta' flus kontanti għan-nefqa amministrattiva, l-Impriża Konġunta rċeviet EUR 1 000 000 mill-membri tagħha bħala "kontribuzzjoni fi flus kontanti mħallsa minn qabel", li minnhom EUR 320 000 ingħataw mill-Kummissjoni u EUR 680 000 mill-membri tal-industrija. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta toħroġ nota ta' debitu mingħajr aktar dewmien.

Osservazzjoni dwar kwistjonijiet oħra

3.6.20. Filwaqt li l-evalwazzjoni *interim* tal-Impriża Konġunta ECSEL ġiet ikkompletata f'konformità mal-perjodu ta' żmien preċiż iffissat fil-qafas legali tagħha, hija ma setgħetx tipprovdi l-aħjar valur miżjud għall-proċess ta' teħid ta' deċizzjonijiet tal-Impriża Konġunta f'dan l-istadju bikri tal-attivitajiet tagħha.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.6.21. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-Anness.

⁽⁴⁷⁾ L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 561/2014.

⁽⁴⁸⁾ Skont l-istrategġiji tal-awditjar *ex post* adottati mill-ARTEMIS u l-ENIAC, l-Impriża Konġunta trid tivvaluta mill-inqas darba fis-sena jekk l-informazzjoni li tirċievi mill-Istati Membri tipprovdi aċċertament suffiċjenti rigward ir-regolarità u l-legalità tat-tranżazzjonijiet imwettqa.

⁽⁴⁹⁾ L-Artikolu 13(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014.

ANNEX

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddeja / Pendenti / M/A)
2015	<p>Ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta jiddikjaraw li jenħtieġ li l-baġit tal-Impriża Konġunta jiġi implimentat f'konformità ma' standards ta' kontroll intern li jkunu effettivi u effiċjenti, inklużi l-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u s-segwitu għal frodi u irregolaritajiet.</p> <p>Wara l-adozzjoni, mill-Kummissjoni, ta' Strateġija Kontra l-Frodi f'Ġunju 2011, l-ewwel Strateġija komuni Kontra l-Frodi fil-qasam tar-Riċerka ġiet adottata f'Lulju 2012, u aġġornata f'Marzu 2015 biex tieħu kont tal-bidliet li ġew introdotti minn Orizzont 2020. L-Istrateġija Kontra l-Frodi fil-qasam tar-Riċerka tinkludi pjan ta' azzjoni li għandu jiġi implimentat mill-Impriżi Konġunti għar-Riċerka.</p> <p>Hemm diġà proċeduri ta' kontroll intern stabbiliti fl-Impriża Konġunta ECSEL biex jipprovdu aċċertament raġonevoli dwar il-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' frodi u irregolaritajiet, (kontrolli <i>ex ante</i> fuq pagamenti, politika dwar kunflitt ta' interess, awditi <i>ex post</i> għand il-benefiċjarji tal-għotjiet). Il-pjan ta' implimentazzjoni kontra l-frodi ġie adottat mill-Impriża Konġunta ECSEL fil-11 ta' Novembru 2016 u qed jiġi implimentat bħalissa.</p>	Ikkompletata
2016	<p>L-Impriża Konġunta ECSEL adottat regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess biex timmitiga r-riskji relatati mal-istruttura ta' governanza tagħha. Madankollu, l-Impriża Konġunta ma kkonformatx b'mod konsistenti mar-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni GB.2015.41 tal-Bord ta' Tmexxija.</p>	Ikkompletata
2017	<p>Fl-2017, aħna osservajna nuqqasijiet sinifikanti fil-ġestjoni tal-proċeduri ta' akkwist għas-servizzi amministrattivi (eż. għażla ta' proċeduri ta' akkwist mhux xierqa, definizzjoni inkompleta tas-servizzi li kellhom jiġu pprovduti, iffirmar tardiv tal-emendi).</p>	Għadha għaddeja
2017	<p>Fl-2017 l-Impriża Konġunta ma kinitx iddokumentat tajjeb, fir-reġistru tagħha tal-eċċezzjonijiet, każijiet fejn il-maniġment kien evita l-kontrolli jew ma kienx mexxa mal-proċessi u l-proċeduri stabbiliti. Din is-sitwazzjoni taffettwa l-kapaċità tal-maniġment li jiżgura l-effettività tal-proċessi ta' kontroll intern u li jimmitiga malajr in-nuqqasijiet proċedurali.</p>	Ikkompletata
2017	<p>B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, l-Impriża Konġunta ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie adottat mill-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta f'April 2018. Il-pjan ta' azzjoni jinkludi sett wiesa' ta' azzjonijiet li jridu jiġu implimentati mill-Impriża Konġunta. Għal xi wħud minnhom diġà ġew ikkompletati ċerti attivitajiet, il-maġġoranza tagħhom huma mistennija li jiġu implimentati fl-2019, filwaqt li xi wħud minnhom tqiesu li ma jaqgħux fl-ambitu tal-Impriża Konġunta ECSEL.</p>	Għadha għaddeja

Risposta tal-Impriża Konġunta

L-Impriża Konġunta ħadet nota tar-rapport tal-Qorti.

3.7. L-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (BBI)

Introduzzjoni

3.7.1. L-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (BBI), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Mejju 2014 ⁽⁵⁰⁾ għal perjodu ta' 10 snin u bdiet topera b'mod awtonomu fis-26 ta' Ottubru 2015.

3.7.2. L-Impriża Konġunta BBI hija sħubija pubblika-privata fis-settur tal-industrija b'bażi bijoloġika. Il-membri fundaturi huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni, u s-sħab industrijali rrappreżentati mill-Konsorzju tal-Industrija b'bażi Bijoloġika (BIC).

3.7.3. It-Tabella 1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-Impriża Konġunta ⁽⁵¹⁾.

Tabella 1
Iċ-Ċifri Ewlenin għall-Impriża Konġunta

	2018	2017
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament (miljun EUR)	91,6	88,9
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn (miljun EUR)	119,5	86,3
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ⁽¹⁾	118,1	91,6
Baġit disponibbli għall-impenni (miljun EUR) ⁽¹⁾	120,9	92,9
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ⁽²⁾	18	21

⁽¹⁾ Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-Impriża Konġunta reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat.

⁽²⁾ Il-persunal jinkludi aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

OPINJONI

3.7.4. Aħna awditajna:

- (a) il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁵²⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁵³⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.7.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

⁽⁵⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jstabilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 130).

⁽⁵¹⁾ Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.bbi-europe.eu

⁽⁵²⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵³⁾ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti, li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.7.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.7.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.7.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

Affidabbiltà tal-kontijiet

3.7.9. Fl-2018, l-Impriża Konġunta BBI wettqet analiżi sabiex taġġorna l-istatus ta' adeżjoni tal-entitajiet kostitwenti tal-BIC bħala bażi prinċipali għall-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri tal-industrija għall-attivitajiet operazzjonali tal-Impriża Konġunta. Din l-analiżi titqies li hija prassi tajba u jenħtieġ li titwettaq fuq bażi regolari.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit taħt Orizzont 2020

3.7.10. It-Tabella 2 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għall-Impriża Konġunta fi tmiem l-2018.

Tabella 2

Kontribuzzjonijiet mill-membri għall-attivitajiet tal-BBI

(f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)				Total
	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura, ivalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivalidati	In natura, għal attivitajiet addizzjonali	
UE (DĠ RTD)	975,0	0,0	975,0	264,6	0,0	0,0	0,0	264,6
Membri tal-industrija	975,0	1 755,0	2 730,0	9,1	12,1	36,8	699,9	757,9
Total	1 950,0	1 755,0	3 705,0	273,7	12,1	36,8	699,9	1 022,5

⁽¹⁾ L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux fl-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

3.7.11. Mill-ammont minimu ta' EUR 182,5 miljun f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti ⁽⁵⁴⁾, kienu tħallsu EUR 0,8 miljun biss sa tmiem l-2018. Ir-Regolament Fundatur tal-BBI ⁽⁵⁵⁾ ġie emendat bil-ħsieb li l-membri tal-industrija jkunu jistgħu jipprovdu l-kontribuzzjonijiet tagħhom fi flus kontanti fil-livell tal-proġetti — madankollu, għad hemm riskju għoli li l-membri tal-industrija ma jiksbox l-ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet operazzjonali fi flus kontanti sa tmiem il-programm tal-BBI. B'riżultat ta' dan, fi tmiem l-2018, il-Kummissjoni (DĠ RTD) iddeċidiet li tnaqqas b'EUR 140 miljun il-baġit tal-Impriża Konġunta għall-2020, li kien ta' EUR 205 miljun ⁽⁵⁶⁾.

⁽⁵⁴⁾ L-Artikolu 12(4) tal-Istatuti tal-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 560/2014).

⁽⁵⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/121 tat-23 ta' Jannar 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 560/2014 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika (ĠU L 22, 26.1.2018, p. 1).

⁽⁵⁶⁾ Dan l-ammont jinkludi s-sospensjoni mħabbra ta' EUR 50 miljun mill-Baġit 2017 u s-sospensjoni ta' EUR 20 miljun mill-Baġit 2018.

3.7.12. Ir-rati ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u l-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-2018 kienu ta' 99 % u 71 %, rispettivament. Il-biċċa l-kbira mill-appropriazzjonijiet ta' pagament li saru mill-Impriża Konġunta kienu l-prefinanzjament tal-ftehimiet ta' għotja li rriżultaw mis-sejħa għal proposti tal-2017 u l-pagamenti *interim* għal proġetti mis-sejħiet preċedenti. Ir-rata aktar baxxa ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet dovuta għad-dewmien ta' xi wħud mir-rapporti perjodiċi u d-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż li kienu sinifikattivament taħt il-baġit approvat fil-ftehimiet ta' għotja.

Osservazzjonijiet dwar il-kontrolli interni

3.7.13. L-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analizzijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. Is-sitwazzjoni fi tmiem l-2018 uriet li l-Impriża Konġunta kienet implimentat il-biċċa l-kbira mill-istandards ta' kontroll intern.

3.7.14. Is-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditjar *ex post* tal-klejms għall-ispejjeż ta' proġetti taħt il-programm Orizzont 2020. Ibbażat fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* fi tmiem l-2018, l-Impriża Konġunta rrapportat rata tal-iżball residwu ta' 0,01 % għall-proġetti taħt Orizzont 2020 ⁽⁵⁷⁾.

Osservazzjoni dwar ġestjoni finanzjarja tajba u dwar il-prestazzjoni

3.7.15. Minħabba t-fassil tas-sejħa għal proposti tal-2018 kif ukoll il-ġestjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni tagħhom, waħda minn żewġ suġġetti ewlenin tas-sejħa baqgħet ma rċevietx finanzjament, minkejja li ġew riċevuti proposti eliġibbli u evalwati tajjeb għaż-żewġ suġġetti.

Osservazzjonijiet dwar kwistjonijiet oħra

3.7.16. Filwaqt li l-evalwazzjoni *interim* tal-Impriża Konġunta BBI ġiet ikkompletata f'konformità mal-perjodu ta' żmien preċiż iffissat fil-qafas legali tagħha, hija ma setgħetx tipprowdi l-aħjar valur miżjud għall-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Impriża Konġunta f'dan l-istadju bikri tal-attivitajiet tagħha.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.7.17. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-*Anness*.

⁽⁵⁷⁾ Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2018 tal-Impriża Konġunta BBI, p. 185. Ir-rata tal-iżball irrappurtata mhix kompletament rappreżentattiva billi hija bbażata biss fuq l-ewwel żewġ sensiliet ta' awditi *ex post*, li għadhom ma ġewx ikkompletati.

ANNEX

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddeja / Pendenti / M/A)
2017	Fi tmiem l-2017, kienu għadhom ma ntemmewx l-iżviluppi speċifiċi meħtieġa fl-għodod komuni tal-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-għotjiet, taħt il-programm Orizzont 2020, biex dawn ikunu jistgħu jintużaw għall-ipproċessar tal-kontribuzzjonijiet <i>in natura</i> tal-Impriża Konġunta.	Ikkompletata
2017	Is-sejħa għal proposti għal għotjiet tal-2016 irriżultat f'kopertura relattivament baxxa tas-suġġetti tal-azzjonijiet ta' rikerka u innovazzjoni (RIA). Ir-RIA kellhom baġit totali ta' EUR 50 miljun u kien fihom 12-il suġġett, li kull wieħed minnhom kien imfassal biex jindirizza l-sfidi speċifiċi li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' dimostrazzjoni u twettiq tal-katini ta' valur. Il-proposti kollha eliġibbli ġew evalwati bi tqabbil mal-kriterji ta' evalwazzjoni ta' Orizzont 2020 u ġew ikklassifikati għal kofinanzjament taħt il-limiti tal-linja baġitarja komuni. Madankollu, il-biċċa l-kbira mill-baġit għall-għotjiet kien iffukat fuq tliet suġġetti mis-sitta li kienu qed jiġu ffinanzjati, filwaqt li l-Impriża Konġunta ma setgħetx tiffinanzja sitt suġġetti ta' azzjoni tar-RIA, minkejja li għal erbgħa minnhom hija kellha proposti li kienu eliġibbli għal kofinanzjament. Biex tiżgura kopertura ottima tas-suġġetti l-aktar importanti, jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tqis il-possibbiltà li tillimita l-għadd ta' proposti għal kull suġġett billi fis-sejħa tiddefinixxi baġit indikattiv fil-livell tas-suġġetti.	Ikkompletata
2017	B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, l-Impriża Konġunta ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie approvat mill-Bord ta' Tmexxija tal-BBI f'Marzu 2018. Filwaqt li l-Impriża Konġunta aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet b'mod ġenerali, hija diġà niedet l-implimentazzjoni ta' xi wħud mill-azzjonijiet bl-għan li tindirizza l-kwistjonijiet prinċipali li tqajmu fl-Evalwazzjoni <i>Interim</i> . Skont il-pjan ta' azzjoni, jenħtieġ li l-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet li għandhom jittieħdu b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati fl-2018 u fl-2019.	Għadha għaddeja

Risposta tal-Impriża Konġunta

3.7.15. Wara li analizzat l-eżitu tal-evalwazzjoni u l-għoti tal-proċessi tas-sejħa tal-2018, il-BBI JU wasal għall-konklużjoni li jkun aħjar li jkun hemm linji baġitarji dedikati għal xi temi ta' azzjonijiet innovattivi (Flagships) biex tiġi żgurata kopertura aħjar. Dan l-approċċ diġà ġie integrat fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-BBI JU għall-2019 permezz tal-emenda tiegħu tad-19 ta' Marzu 2019.

3.8. L-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R)

Introduzzjoni

3.8.1. L-Impriża Konġunta Shift2Rail (S2R), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Ġunju 2014 ⁽⁵⁸⁾ għal perjodu ta' 10 snin u bdiet l-operat awtonomu fl-24 ta' Mejju 2016.

3.8.2. L-Impriża Konġunta S2R hija sħubija pubblika-privata fis-settur ferrovjarju. Il-membri fundaturi huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni u mis-sħab fl-industrija ferrovjarja (partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi manifatturi ta' tagħmir ferrovjarju, kumpaniji ferrovjarji, maniġers tal-infrastruttura u ċentri tar-riċerka). Entitajiet oħra jistgħu jipparteċipaw fl-Impriża Konġunta bħala membri assoċjati.

3.8.3. It-Tabella 1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-Impriża Konġunta ⁽⁵⁹⁾.

Tabella 1

Iċ-Ċifri Ewlenin għall-Impriża Konġunta

	2018	2017
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament (miljun EUR)	69,4	34,5
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn (miljun EUR)	80,9	64,7
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ⁽¹⁾	71,9	44,1
Baġit disponibbli għall-impenni (miljun EUR) ⁽¹⁾	84,8	68,6
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ⁽²⁾	22	20

⁽¹⁾ Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-Impriża Konġunta reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat.

⁽²⁾ Il-persunal jinkludi aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

OPINJONI

3.8.4. Aħna awditajna:

- il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁶⁰⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁶¹⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, u
- il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.8.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-risultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

⁽⁵⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9).

⁽⁵⁹⁾ Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.shift2rail.org

⁽⁶⁰⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁶¹⁾ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti, li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.8.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.8.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.8.8. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

Osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-baġit taħt Orizzont 2020

3.8.9. It-Tabella 2 tippreżenta stampa ġenerali tal-kontribuzzjonijiet mill-membri għall-Impriża Konġunta fi tmiem l-2018.

Tabella 2

Kontribuzzjonijiet mill-membri għal S2R

(f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet mill-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet mill-membri (sitwazzjoni fil-31.12.2018)				Total
	Attivitajiet operazzjonali	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura, ivvalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	In natura, għal attivitajiet addizzjonali	
UE (DG Move)	398,0	0,0	398,0	158,9	0,0	0,0	0,0	158,9
Membri tal-industrija	350,0	120,0	470,0	6,5	21,7	63,7	160,4	252,3
Total	748,0	120,0	868,0	165,4	21,7	63,7	160,4	411,2

⁽¹⁾ L-attivitajiet addizzjonali ma jaqgħux fl-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

3.8.10. Ir-rati ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u l-appropriazzjonijiet ta' pagament fl-2018 kienu ta' 100 % u 82,3 %, rispettivament. Fl-2018, il-biċċa l-kbira mill-pagamenti li saru mill-Impriża Konġunta kienu pagamenti interim għall-proġetti ta' Orizzont 2020, li ntgħażlu taħt is-sejħiet għal proposti tal-2015 u l-2016, kif ukoll pagamenti ta' prefinanzjament għall-proġetti taħt Orizzont 2020 li ntgħażlu taħt is-sejħa għal proposti tal-2018.

Osservazzjonijiet dwar il-kontrolli interni

3.8.11. L-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. Is-sitwazzjoni fi tmiem l-2018 uriet li l-Impriża Konġunta kienet implimentat il-biċċa l-kbira mill-istandards ta' kontroll intern filwaqt li ċerti azzjonijiet kienu għad iridu jiġu kkompletati fl-2019, bħar-reviżjoni tal-mudell tal-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni. Fl-2018, Shift2Rail saħħet ukoll il-qafas ta' ġestjoni tagħha relatat ma' kunflitti ta' interess.

3.8.12. Is-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditjar *ex post* tal-pagamenti taħt Orizzont 2020. Ibbażat fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* li kienu disponibbli sa tmiem l-2018, l-Impriża Konġunta rrapportat rata tal-iżball residwu ta' 0,97 % għall-proġetti taħt Orizzont 2020 ⁽⁶²⁾.

Osservazzjonijiet dwar ġestjoni finanzjarja tajba u dwar il-prestazzjoni

3.8.13. Bħala sejħa pilota, l-Impriża Konġunta niedet is-sejħa għal proposti 2018 għal għotjiet bi proċedura ristretta għall-membri tagħha, f'forma ta' skema ta' finanzjament ibbażata fuq somma f'daqqa. Il-valur indikattiv għal din is-sejħa pilota kien ta EUR 134,1 miljun (jiġifieri 86,3 % tal-baġit totali għas-sejħa għal proposti 2018). L-oġettiv tal-eżerċizzju kien li jiġi ttestjat il-vantaġġ ta' simplifikazzjoni kif ukoll il-fattibilità tal-iskema ta' finanzjament ibbażata fuq somma f'daqqa.

3.8.14. L-esperti finanzjarji involuti fil-fażi ta' evalwazzjoni tal-għotjiet żvelaw xi devjazzjonijiet rilevanti fil-proposti finanzjarji, mid-*data* finanzjarja storika tal-benefiċjarji. Fil-fażi ta' tħejija tal-għotjiet, l-Impriża Konġunta analizzat l-ispegazzjonijiet tal-benefiċjarji relatati dwar id-devjazzjonijiet u kkoreġiet is-somma f'daqqa, fejn iġġustifikat. Biex ittejjeb aktar l-effiċjenza u l-effettività tal-iskema ta' finanzjament ibbażata fuq somma f'daqqa, jeħtieġ li l-Impriża Konġunta tkompli ssaħħaħ l-affidabilità tad-*data* finanzjarja fid-database tagħha tal-benefiċjarji u tiżvela l-kummenti importanti tal-esperti finanzjarji fir-rapport sommarju tal-evalwazzjoni.

Osservazzjonijiet dwar kwistjonijiet oħra

3.8.15. Meta fl-2018 Membru Assoċjat wieħed sar sussidjarju li jappartjeni kompletament għal Membru Fundatur, huwa seta' jżomm l-istatus ta' sħubija tiegħu bħala assoċjat u s-siġġu tiegħu fuq il-Bord ta' Tmexxija. Konsegwentement, ir-rappreżentanza tal-Membru Fundatur fil-Bord ta' Tmexxija fil-fatt żdiedet. Id-dispożizzjonijiet tal-qafas legali attwali tal-Impriża Konġunta ma jindirizzawx b'mod suffiċjenti l-qasam tal-akkwiżizzjoni korporattiva fost il-membri tal-industrija tal-Impriża Konġunta u l-implikazzjonijiet li dawn jista' jkollhom fuq ir-rappreżentanza bbilanċjata tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija.

3.8.16. Filwaqt li l-evalwazzjoni *interim* tal-Impriża Konġunta S2R ġiet ikkompletata f'konformità mal-perjodu ta' żmien preċiż iffissat fil-qafas legali tagħha, hija ma setgħetx tipprovi l-aħjar valur miżjud għall-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Impriża Konġunta f'dan l-istadju bikri tal-attivitajiet tagħha.

3.8.17. Ir-rati ta' dawran tal-persunal fl-Impriża Konġunta għal dawn l-aħħar sentejn, li kienu relattivament għoljin, kienu dovuti kompletament għar-rotazzjoni tal-aġenti kuntrattwali. Biex tindirizza din is-sitwazzjoni ta' dawran frekwenti ħafna tal-persunal, l-Impriża Konġunta għamlet użu minn servizzi ta' persunal *interim* li kien jirrappreżenta madwar 17 % tat-total tal-persunal tagħha.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.8.18. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-*Anness*.

⁽⁶²⁾ Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-Impriża Konġunta S2R setgħet tibbaża l-kalkolu tagħha tar-rata tal-iżball fuq erba' rapporti finali tal-awditjar *ex post* (wieħed relatat mal-awditjar ibbażat fuq ir-riskju u tlieta relatati mal-kampjun rappreżentattiv tal-Impriża Konġunta S2R). Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2018 tal-Impriża Konġunta S2R, il-paġni 120–122.

ANNEX

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddeja / Pendenti / M/A)
2017	Fi tmiem l-2017, l-Impriża Konġunta kellha approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati li ġew riportati mis-snin preċedenti u li kienu jammontaw għal madwar EUR 7,6 miljun. Din is-sitwazzjoni turi dgħufijiet fil-proċess ta' ppjanar tal-baġit, li madankollu, l-Impriża Konġunta ma tistax teżerċita kontroll sħiħ fuqhom.	Ikkompletata
2017	Mis-sitwazzjoni fi tmiem l-2017 jirriżulta li l-istandards l-aktar importanti ta' kontroll intern kienu fil-biċċa l-kbira implimentati, iżda ċerti azzjonijiet għad iridu jiġu kkompletati fl-2018.	Għadha għaddeja
2017	B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi, l-Impriża Konġunta ħejjiet Pjan ta' Azzjoni li ġie adottat mill-Bord ta' Tmexxija fit-28 ta' Ġunju 2018. Filwaqt li mhux ir-rakkomandazzjonijiet kollha li saru fl-Evalwazzjoni <i>Interim</i> se jiġu indirizzati taħt il-Programm Qafas Finanzjarju attwali, xi wħud mill-azzjonijiet inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni diġà nbdew, u huwa mistenni li oħrajn se jiġu implimentati fil-perjodu bejn l-2018 u l-2020, skont in-natura u l-qafas legali attwali tagħhom.	Għadha għaddeja

Risposta tal-Impriża Konġunta

3.8.14. L-Impriża Konġunta Shift2Rail tikkonferma li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-evalwaturi finanzjarji ġew ibbażati fuq *data* finanzjarja affidabbli, ġew ikkunsidrati u indirizzati individwalment lil kull (Membru) benefiċjarju qabel il-firma tal-ftehim ta' għotja u f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 7151 tas-27 ta' Ottubru 2017 "dwar l-awtorizzazzjoni tal-użu ta' rimborż abbażi ta' somma f'daqqa għall-ispejjeż eliġibbli tal-azzjonijiet skont Orizzont 2020 il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u skont il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014–2018)".

Din l-ewwel esperjenza fl-implimentazzjoni ta' għotjiet ta' somma f'daqqa wriet riżultati inkoraġġanti fir-rigward tal-obiettiv ta' simplifikazzjoni ulterjuri tar-regoli ta' finanzjament u biex il-Membri tal-Impriża Konġunta Shift2Rail ikunu jistgħu jiffokaw fuq l-implimentazzjoni teknika tal-ftehim ta' għotja kif ukoll il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' żbalji finanzjarji. Filwaqt li tirrikonoxxi li t-tnejn u l-implimentazzjoni tal-proġett pilota ta' somma f'daqqa huwa fin-natura soġġett għal titjib, l-S2R JU tikkunsidra li l-aspetti legali u finanzjarji kollha tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni kienu strettament segwiti. Il-ġestjoni finanzjarja soda tas-sejħa ta' somma f'daqqa ser tkun ivverifikata aktar tard fil-qafas tal-verifiki mwettqa f'konformità mar-Regolament S2R. Fil-fatt, matul il-fażi tat-Tnejn ta' Għotja, l-Uffiċjal Awtorizzanti żgura li l-kummenti kollha tal-esperti, tekniċi u finanzjarji, kienu debitament ikkunsidrati. Filwaqt li titqies ir-rakkomandazzjoni tal-QEA, il-proċess ġenerali ser ikompli jitjieb ulterjorment fis-Sejħa 2019.

3.8.15. Il-limiti tar-Regolament S2R huma rikonoxxuti għalkemm għandu jiġi nnotat li l-qafas legali stabbilit fl-S2R JU ma jippermettix żieda fl-influenza ta' Membru Fundatur dwar il-proċess tat-tehdid ta' deċiżjonijiet u l-governanza ġenerali. L-osservazzjoni tal-QEA ser tiġi kkunsidrata fi kwalunkwe emenda possibbli għar-Regolament S2R.

3.8.16. Huwa rikonoxxut li l-evalwazzjoni saret kmieni fil-ħajja tal-S2R JU iżda, kif innotat, dan kien rekwiżit f'konformità mar-Regolament S2R u l-Programm H2020 ġenerali.

3.8.17. Ir-raġunijiet prinċipali għal-livell għoli ta' dawran tal-S2R JU ġejjin mill-istruttura attwali tal-Pjan ta' Stabbiliment tal-Persunal, li l-S2R JU hija meħtieġa ssegwi, u li ma tippermettix li l-S2R JU toffri l-istess kondizzjonijiet kuntrattwali favorevoli bħal korpi u istituzzjonijiet oħra tal-UE. Madankollu, ġew stabbiliti miżuri mhux vinkolanti sabiex jitnaqqsu l-livelli għoljin ta' dawran. Il-kwistjoni ser teħtieġ li tiġi segwita mal-Kummissjoni.

IMPRIŻA KONĠUNTA LI TOPERA TAĦT IL-EURATOM

3.9. L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E)

Introduzzjoni

3.9.1. L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER ⁽⁶³⁾ u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (l-“Impriża Konġunta F4E”) ġiet stabbilita f'Marzu 2007 ⁽⁶⁴⁾ għal perjodu ta' 35 sena. Filwaqt li l-faċilitajiet prinċipali ta' fużjoni kellhom jiġu żviluppati f'Cadarache fi Franza, l-Impriża Konġunta tinsab f'Barcellona.

3.9.2. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Euratom, irrappreżentata mill-Kummissjoni, l-Istati Membri tal-Euratom u l-Iżvizzera, li kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni mal-Euratom.

3.9.3. It-Tabella 1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-Impriża Konġunta ⁽⁶⁵⁾.

Tabella 1

Iċ-Ċifri Ewlenin għall-Impriża Konġunta

	2018	2017
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament (miljun EUR)	794,8	847,6
Baġit f'approprjazzjonijiet ta' impenn (miljun EUR)	649,9	562
Baġit disponibbli għall-pagamenti (miljun EUR) ⁽¹⁾	847,4	864,9
Baġit disponibbli għall-impenni (miljun EUR) ⁽¹⁾	706,2	588,9
Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru ⁽²⁾	442	449

⁽¹⁾ Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti, li l-Impriża Konġunta reġgħet daħħlet fil-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat.

⁽²⁾ Il-persunal jinkludi aġenti temporanji u kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: Data pprovduta mill-Impriża Konġunta.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni**OPINJONI**

3.9.4. Aħna awditajjna:

(a) il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽⁶⁶⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁶⁷⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati daww il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.9.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2018, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

⁽⁶³⁾ Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali.

⁽⁶⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

⁽⁶⁵⁾ Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.f4e.europa.eu

⁽⁶⁶⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁶⁷⁾ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti, li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.9.6. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.9.7. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Osservazzjonijiet

3.9.8. Mingħajr ma nixħtu dubju fuq l-opinjoni espressi hawn fuq, aħna nixtiequ niġbdu l-attenzjoni għal dan li ġej. F'Novembru 2016, il-Kunsill tal-ITER ⁽⁶⁸⁾ approva linja bażi ġdida għall-proġett ITER. Il-linja bażi l-ġdida tal-ITER tistma l-ilħuq tal-Ewwel Plażma ⁽⁶⁹⁾ u l-bidu tal-fażi operazzjonali fl-2025 bl-ikkompletar tal-fażi ta' kostruzzjoni fl-2035. Il-linja bażi preċedenti tal-2010 kienet stmat li l-fażi ta' kostruzzjoni se tintlaħaq fl-2020 ⁽⁷⁰⁾. Il-linja bażi l-ġdida hija kkunsidrata bħala l-eqreb data teknikament possibbli li tinkiseb ⁽⁷¹⁾.

3.9.9. L-Impriża Konġunta F4E kkalkulat mill-ġdid il-kontribuzzjoni proprja tagħha għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett għal EUR 12-il biljun (fil-valuri tal-2008), li tirrappreżenta żieda meta mqabbla mal-ammont ta' EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008) li ġew approvati mill-Kunsill tal-UE fl-2010 ⁽⁷²⁾. Din l-istima ma tinkludix kontinġenzi, minkejja li l-Kummissjoni ssuġġeriet li jkun xieraq li tiġi prevista kontinġenza sa 24 xahar f'termini ta' skeda ta' żmien u kontinġenza sa 10-20 % f'termini ta' baġit ⁽⁷³⁾.

3.9.10. Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew dwar id-deċiżjoni tiegħu li joħroġ mill-UE u mill-Euratom. Dan jista' jkollu effett sinifikanti fuq l-attivitajiet ta' wara l-2020 tal-Impriża Konġunta F4E u tal-proġett ITER.

3.9.11. F'April 2018 ⁽⁷⁴⁾, il-Kunsill tal-UE ta mandat lill-Kummissjoni biex tapprova l-linja bażi l-ġdida għal ITER fisem il-Euratom u afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jagħmel ir-riżorsi disponibbli fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss mingħajr peregudizzju għal negozjati sussegwenti tal-QFP, li jiddeterminaw id-dettalji tal-finanzjament futur ⁽⁷⁵⁾.

3.9.12. Filwaqt li ttieħdu passi pożittivi biex isir titjib fil-ġestjoni u l-kontroll tal-kontribuzzjoni tal-Impriża Konġunta għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett, għad fadal riskju ta' aktar żidiet fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett meta mqabbel mal-linja bażi attwali li ġiet approvata.

3.9.13. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

3.9.14. Il-Baġit finali 2018 disponibbli għall-implimentazzjoni kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 706,2 miljun u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 847,4 miljun. Ir-rati ta' utilizzazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 98,4 % u 96,1 %, rispettivament.

⁽⁶⁸⁾ Id-19-il Kunsill tal-ITER fis-16-17 ta' Novembru 2016. Il-Kunsill tal-ITER huwa l-korp governattiv tal-ITER IO.

⁽⁶⁹⁾ L-Ewwel Plażma tirrappreżenta l-istadju ta' kostruzzjoni tal-magna tal-fużjoni li se tippermetti l-ittestjar tal-komponenti essenzjali tal-magna; dan huwa wkoll il-punt fejn tibda l-fażi operattiva.

⁽⁷⁰⁾ COM(2010)226 final tal-4.5.2010.

⁽⁷¹⁾ Kif ġie ddikjarat fil-ħames valutazzjoni annwali mwettqa minn Grupp ta' Rieżaminar indipendenti (il-31 ta' Ottubru 2016) u fir-rapport mill-Kap tal-Ġestjoni tal-Proġett tal-Impriża Konġunta F4E lill-Bord Amministrattiv, f'Diċembru 2016.

⁽⁷²⁾ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-istatus tal-ITER (Ref. 11902/10).

⁽⁷³⁾ COM(2017)319 final tal-14.6.2017 (akkumpanjata mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2017) 232 final tal-14.6.2017), il-Kapitolu V "ITER: it-triq 'il quddiem".

⁽⁷⁴⁾ L-ammont ta' EUR 6,6 biljun (fil-valuri tal-2008), li ġie adottat mill-Kunsill tal-UE fl-2010, attwalment iservi bħala limitu massimu għall-infiq tal-Impriża Konġunta sal-2020.

⁽⁷⁵⁾ Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 7881/18, adottat fit-12 ta' April 2018.

3.9.15. Minħabba nuqqasijiet serji fil-proċess ta' ppjanar tal-Baġit 2017, l-appropriazzjonijiet ta' pagament li kienu finalment meħtieġa fl-2017 u fl-2018 qabżu b'mod sinifikanti l-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-baġits inizjali. Fl-2018, l-appropriazzjonijiet ta' pagament addizzjonali li kienu meħtieġa mill-Impriża Konġunta ammontaw għal EUR 160,7 miljun (jiġifieri 25 % ogħla mill-baġit inizjali għall-2018 ⁽⁷⁶⁾).

3.9.16. Fl-2018, l-Impriża Konġunta F4E wettqet pagament ta' regolarizzazzjoni fejn ittrasferiet EUR 1 000 000 ta' pagamenti, li kienu diġà awtorizzati u vverifikati, relatati ma' spejjeż għall-ivvjaġġar fuq xogħol tal-persunal mill-baġit amministrattiv (il-Kapitolu 1.3 — Missjonijiet u vvjaġġar fuq xogħol) għal dak operazzjonali (il-Kapitolu 3.4 — Nefqa Operazzjonali Oħra). Madankollu, il-pagament ta' regolarizzazzjoni ma kienx jirrispetta l-prinċipju ta' speċifikazzjoni tal-baġit.

Osservazzjonijiet dwar ġestjoni finanzjarja tajba u dwar il-prestazzjoni

3.9.17. Id-deċiżjoni tad-Direttur li jinbidel il-post ta' impjeg ta' maniġer superjuri, li kien għadu kemm ġie rreklutat, minn Barcellona għal Cadarache ma kinitx appoġġata minn dokument adegwat ⁽⁷⁷⁾ li jiġġustifika l-ispejjeż tas-salarju addizzjonali dovuti għall-koeffiċjent tal-korrezzjoni differenti ⁽⁷⁸⁾.

3.9.18. Fi tmieni l-2018, l-F4E kienet għadha qed tuża s-sistema ta' krediti tal-ITER bħala bażi biex timmonitorja l-progress tal-proġett tagħha, għalkemm l-esperti esterni maħtura mill-Bord ta' Tmexxija tal-F4E rrakkomandaw, f'bosta valutazzjonijiet annwali suċċessivi, l-introduzzjoni ta' sistema ta' Ġestjoni tal-Valur Gwadanjat (EVM), li tirrifletti l-progress tekniku jew fiżiku flimkien mal-ispiża mġarrba u l-infiq relatat ma' dan il-progress. Fl-2018, l-esperti reġġu ssottolinjaw li l-benefiċċju ewlieni ta' sistema EVM huwa li din tipprovd i kejl ċar tal-kisbiet ⁽⁷⁹⁾ u huma reġġu talbu li tiġi implimentata sistema ta' kejl tal-prestazzjoni marbuta mal-progress finanzjarju u tekniku, minflok is-sistema ta' krediti tal-ITER. B'riżultat ta' dan, il-Bord ta' Tmexxija ħatar Grupp *Ad Hoc* intern li l-kompitu tiegħu huwa li jeżamina r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-F4E.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.9.19. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-*Anness*.

⁽⁷⁶⁾ Il-baġit inizjali tal-Impriża Konġunta F4E għall-2018, li ġie adottat mill-Bord ta' Tmexxija fl-1 ta' Diċembru 2017, ammonta għal EUR 634,1 miljun.

⁽⁷⁷⁾ F'Diċembru 2018, il-Bord ta' Tmexxija ssottolinja l-ħtieġa li l-Impriża Konġunta F4E timmonitorja b'attenzjoni l-ispejjeż amministrattivi, f'konformità mat-talba għal trażżin tal-ispejjeż imsemmija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' April 2018 (Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 7881/18).

⁽⁷⁸⁾ Il-koeffiċjent tal-korrezzjoni f'Barcellona huwa ta' 91,7 %, filwaqt li dak f'Cadarache huwa ta' 116,7 %.

⁽⁷⁹⁾ Is-Seba' valutazzjoni annwali mwettqa minn Grupp ta' Rieżaminar indipendenti (it-30 ta' Novembru 2018)

ANNEX

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Kummenti tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2015	Fin-noti għar-rapporti finanzjarji, it-tabella u l-informazzjoni inklużi taħt l-Intestatura 4.3.1.1. "ITER Procurement Arrangement (ITER IO)" (Arranġamenti ta' Akkwist tal-ITER (ITER IO)) jirriflettu l-arranġamenti ta' akkwist iffirmati (il-kolonna 3) u dawk ikkreditati sa issa (il-kolonna 4). Madankollu, it-tabella ma turix il-livell effettiv ta' avvanz fix-xogħlijiet li qed isiru. Fil-kontijiet annwali tal-2015, l-F4E ssupplimentat din l-informazzjoni bi stima tax-xogħol fl-idejn filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-valur totali tal-infiq fuq kuntratti marbuta mal-Arranġamenti ta' Akkwist, u ċart li turi l-ilħuq ta' stadji importanti għal kull arrangement ta' akkwist iffirmat mal-ITER IO.	Ikkompletata
2015	Is-sistema ta' għoti ta' informazzjoni dwar il-valur tal-livell ta' implimentazzjoni tal-attivitajiet (Ġestjoni tal-Valur Gwadanjat), qed tiġi diskussa mal-ITER IO, bil-ħsieb li jsir titjib fid-distribuzzjoni tal-istadji importanti tal-kreditu matul il-ħajja tal-arranġamenti ta' akkwist.	Ikkompletata
2015	Proċeduri nnegożjati kkostitwew 45 % mill-84 proċedura operazzjonali tal-offerti li tnedew fl-2015 (58 % fl-2014). Għalkemm l-Impriża Konġunta naqqset il-perċentwal tal-proċeduri nnegożjati fl-2015, jinħtieġ li jsiru sforzi biex tiżdied il-kompetittività tal-proċeduri tagħha ta' akkwist operazzjonali. Għall-għotjiet, l-għadd medju ta' proposti riċevuti kien ta' 1,4 għal kull sejħa. Riżultat tar-rieżaminar: Fl-2017, proċeduri nnegożjati kienu għadhom jikkostitwixxu 47 % mis-47 proċedura operazzjonali tal-offerti li tnedew fl-2017 (2016: 45 %). Fl-2017, l-Impriża Konġunta ħadet inizjattivi biex tnaqqas il-perċentwal tal-proċeduri nnegożjati; madankollu, jinħtieġ li jsiru sforzi biex tiżdied il-kompetittività tal-proċeduri tagħha ta' akkwist operazzjonali. Għall-għotjiet, l-għadd medju ta' proposti riċevuti kien ta' 1 għal kull sejħa.	M/A
2015	Id-Deċizzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Industrijali tal-Fużjoni għall-Enerġija u l-politika dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali u t-tixrid ta' informazzjoni ġiet adottata mill-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta fis-27 ta' Ġunju 2013. Qed titwettaq valutazzjoni tal-impatt dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki.	Ikkompletata
2016	F'Ġunju 2015, il-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta F4E adotta strateġija kontra l-frodi u pjan ta' azzjoni korrispondenti. Il-biċċa l-kbira mill-azzjonijiet ġew implimentati fl-2016. Madankollu, l-Impriża Konġunta ma stabbiliex għodda speċifika biex tiffaċilita l-monitoraġġ tal-azzjonijiet tagħha fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist, b'mod partikolari dawk relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u mal-fażijiet ta' evalwazzjoni, ta' negożjar u ta' għoti, tal-proċeduri.	Ikkompletata
2017	L-Impriża Konġunta F4E ma wettqitx segwitu konsistenti tad-Dikjarazzjonijiet ta' Interess mill-Maniġment Superjuri.	Ikkompletata
2017	Nuqqasijiet sinifikanti fl-istrateġiji ta' komunikazzjoni interna ma żgurawx id-disseminazzjoni ta' informazzjoni xierqa dwar l-ispejjeż stmati tal-fażi ta' dekkommissjonar fi ħdan l-organizzazzjoni. Konsegwentement, l-Impriża Konġunta ma ddivulgat l-ebda provvediment għal din l-obbligazzjoni fil-kontijiet tas-snin preċedenti.	Ikkompletata

Risposta tal-Impriża Konġunta

3.9.15. L-F4E tixtieq tenfasizza li filwaqt li d-dgħufijiet fl-ippjanar baġitarju dehru fil-baġit tal-2017 u n-nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament tal-2018 kien il-kontinwazzjoni tiegħu, is-sitwazzjoni ġiet ikkoreġuta fil-baġit tal-2019.

L-F4E hija grata lejn l-Euratom għall-kontribuzzjoni addizzjonali għall-baġit tal-2018 li ppermettiet ġestjoni b'saħħitha u ġusta tal-flus matul is-sena. L-F4E tixtieq ukoll tirrapporta li n-nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament ma kien ikollu l-ebda impatt u lanqas ma kien jirriskja li jlaħħaq mal-obbligi tal-F4E li jirriżultaw mill-Artikolu 11 tar-regolament finanzjarju tal-F4E, peress li 1 37 miljun euro kienu diġà tħallsu lill-organizzazzjoni ITER bħala avvanz tal-kontribuzzjoni fi flus kontanti tal-2019.

Is-sistema ta' previżjoni tal-pagamenti tfasslet kompletament mill-ġdid u ġiet integrata fl-għodda ta' ġestjoni finanzjarja l-ġdida, ECOSYS. Din, flimkien mal-istruttura organizzattiva l-ġdida li ttejjeb l-interazzjoni bejn it-Timijiet tal-Proġetti u l-Unità tal-Akkwist li tiġġestixxi l-kuntratti, tiżgura li jkun hemm fis-seħħ ippjanar baġitarju korrett u diġà ntużat biex jiġi ddeterminat id-dħul tal-Baġit tal-2019.

3.9.16. L-F4E tikkunsidra li l-pagament ta' regolarizzazzjoni implimentat għal ammont globali u għal partiti mhux differenzjati ma kienx l-aħjar għodda għall-assenjar tan-nefqa fil-kapitolu 3.4, minħabba n-nuqqas ta' trasparenza perċeputa tiegħu.

Fi spirtu ta' trasparenza mtejba u titjib kontinwu, matul l-2019 id-Dipartiment Kummerċjali sejjer:

- L-ewwel itejjeb l-għodda ta' ġestjoni tal-missjoni (MiMa) sabiex l-ispiża tal-missjonijiet identifikati bħala relatati mal-proġett tkun tista' tiġi pprenotata direttament fit-Titolu 3.
- Jikkjarifika d-deskrizzjonijiet taħt it-Titolu 3.4 fil-kummenti baġitarji.
- Iżid mal-Kontijiet Annwali finali tal-2018 deskrizzjoni tan-nefqa mitluba fir-rigward tal-kapitolu tal-Baġit B034-Nefqa (operazzjonali) oħra, inkluż il-missjonijiet, sabiex tiġi enfasizzata din il-bidla fil-metodu ta' bbaġitjar.
- Jikteb politika dwar x'għandu jiġi kkunsidrat bħala relatat mal-proġett u għaldaqstant il-missjonijiet operazzjonali jibdeu jaqgħu taħt it-Titolu 3 u dawk li huma missjonijiet amministrattivi jaqgħu taħt it-Titolu 1.
- Jirrieżamina l-proċessi ta' impenn u ta' pagamenti tal-F4E sabiex jirriflettu n-natura amministrattiva ta' ċerti partiti taħt it-Titolu 3.4 operazzjonali.
- Jistabbilixxi rapport speċjali dwar l-użu tat-Titolu 3.4.

3.9.17. L-F4E tirrikonoxxi li d-deċiżjoni li jinbidel il-post ta' impjeg ta' membru ewlieni tal-persunal manijerjali minn Barcellona għal Cadarache ma kinitix iddokumentata b'mod adegwat, peress li kienet fis-setgħa tal-Awtorità tal-Ħatra li tiddeċiedi l-post tal-impjeg fuq bażi ta' x'ikun meħtieġ għall-proġett, kif deskritt u mħabbar fl-avviż ta' post battal.

F'dak iż-żmien, l-F4E kienet qed tiffaċċja diffikultajiet bil-proġett tal-kojls tal-Kamp Polojdali (Poloidal Field — PF) ta' 200 miljun euro li kien jippreżenta riskju serju għad-data tal-ewwel plażma tal-ITER b'riskju potenzjali għall-ispiża.

Għaldaqstant, id-Direttur iddeċieda li jsaqsi lill-kandidat magħżul biex jibda immedjatament f'Cadarache, sabiex jiżgura li l-attenzjoni kollha tiegħu tkun ikkonċentrata fuq il-kriżi tal-PF, inkluż il-preżenza personali fuq is-sit sabiex ikun ta' serħan il-moħħ kemm għall-persunal tal-F4E kif ukoll għas-sħab industrijali.

3.9.18. L-F4E ħadmet b'mod estensiv mal-Grupp Ad Hoc (AHG) stabbilit mill-Bord ta' Tmexxija (GB). Il-Grupp Ad Hoc ikkonkluda bi proposta għal Sistema ta' Ġestjoni tal-Valur Gwadanjat (EVM) ġdida. Din il-proposta kienet irrakkomandata mill-Bureau, u ġiet approvata mill-Bord ta' Tmexxija tal-F4E f'April 2019. Din is-sistema EVM ġdida u aktar sinifikanti:

- Issegwi l-progress fit-twassil tal-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-F4E.
- Tipprovdi metriċi tal-prestazzjoni tal-iskeda.
- Tuża tqassim aktar granulari tal-kreditu biex tkun tista' ssegwi aħjar il-progress.
- Torbot u tqabbal in-nefqa mġarrba mal-progress li jkun sar.

Abbażi tal-proposta tal-Grupp Ad Hoc, l-F4E implimentat is-sistema EVM, li r-riżultati tagħha qegħdin bħalissa jiġu sottomessi regolarment lill-Bord ta' Tmexxija.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Alex BRENNINKMEIJER, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-24 ta' Settembru 2019.

Chall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

President

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



I-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT